MT 2015

Nru 24

Rapport Speċjali

# L-indirizzar tal-frodi intra-Komunitarja tal-VAT: Tinħtieġ aktar azzjoni

CURIA RATIONUM

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

E-mail: eca-info@eca.europa.eu
Internet: http://eca.europa.eu

Twitter: @EUAuditorsECA
YouTube: EUAuditorsECA

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet.
Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (http://europa.eu).

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2016

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Print | ISBN 978-92-872-3843-6 | ISSN 1831-0907 | doi:10.2865/260843 | QJ-AB-15-024-MT-C |
| PDF | ISBN 978-92-872-3822-1 | ISSN 1977-5741 | doi:10.2865/079351 | QJ-AB-15-024-MT-N |
| EPUB | ISBN 978-92-872-3845-0 | ISSN 1977-5741 | doi:10.2865/836540 | QJ-AB-15-024-MT-E |

© L-Unjoni Ewropea, 2016
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

*Printed in Luxembourg*

MT 2015

Nru 24

Rapport Speċjali

# L-indirizzar tal-frodi intra-Komunitarja tal-VAT: Tinħtieġ aktar azzjoni

(skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE)

# Tim tal-awditjar



Ir-rapporti speċjali tal-QEA jagħtu r-riżultati tal-awditi tal-prestazzjoni u tal-konformità tagħha, ta' oqsma baġitarji jew suġġetti ta' ġestjoni speċifiċi. Il-QEA tagħżel u tfassal dawn il-kompiti tal-awditjar biex ikollhom impatt massimu billi tqis ir-riskji għall-prestazzjoni jew għall-konformità, il-livell ta' introjtu jew ta' nfiq involut, l-iżviluppi li jkunu għad iridu jseħħu u l-interess politiku u pubbliku.

Dan l-awditu tal-prestazzjoni ġie prodott mill-Awla IV tal-Awditjar – immexxija mill-Membru tal-QEA Milan Martin Cvikl – li tispeċjalizza fl-awditjar ta' dħul, riċerka u politiki interni, governanza ekonomika u finanzjarja, u istituzzjonijiet u korpi tal-Unjoni Ewropea. L-awditu tmexxa mill-Membru tal-QEA Neven Mates, b'appoġġ mill-kap tal-kabinett tiegħu, Georgios Karakatsanis; Angela McCann, Kap tal-Unità; Carlos Soler Ruiz, Kap tat-Tim; Dan Danielescu, Josef Edelmann, Maria Echanove, Maria Isabel Quintela, Timothy Upton, Wolfgang Hinnenkamp u Marko Mrkalj, awdituri.



*Mix-xellug għal-lemin:* D. Danielescu, A. McCann, J. Edelmann, N. Mates, G. Karakatsanis, M. I. Quintela, W. Hinnenkamp, C. Soler Ruiz.

# Werrej



Paragrafu


Abbrevjazzjonijiet

Glossarju

I–VII Sommarju eżekuttiv

V–VII Ir-rakkomandazzjonijiet prinċipali tagħna

1–13 Introduzzjoni

1–4 Kif jiġu intaxxati t-tranżazzjonijiet intra-Komunitarji

5–10 Kif issir evażjoni tal-pagamenti tal-VAT fuq tranżazzjonijiet intra-Komunitarji

11–13 Kif il-kooperazzjoni amministrattiva għall-ġlieda kontra l-frodi intra-Komunitarja tal-VAT taħdem

14–18 Ambitu u approċċ tal-awditjar

19–111 Osservazzjonijiet

19–25 Nuqqas ta' *data* u ta' indikaturi kumparabbli dwar il-frodi intra-Komunitarja tal-VAT

20–22 Nuqqas ta' stimi tal-frodi intra-Komunitarja tal-VAT fil-livell tal-UE

23 – 25 Nuqqas ta' indikaturi tal-prestazzjoni dwar il-frodi intra-Komunitarja tal-VAT

26–70 Il-qafas ta' kooperazzjoni amministrattiva stabbilit jippermetti li l-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Membri jaqsmu l-informazzjoni dwar il-VAT

27–36 L-Istati Membri qiesu li l-iskambji ta' informazzjoni bl-użu ta' formoli elettroniċi standard huma l-aktar għodda effettiva iżda l-puntwalità tar-risposti hija fqira

37–44 Il-VIES tipprovdi informazzjoni dwar tranżazzjonijiet intra-Komunitarji b'xi problemi okkażjonali ta' affidabbiltà

45–47 Kontrolli multilaterali huma għodda effettiva iżda qed jitwettqu inqas spiss

48–55 Eurofisc: għodda promettenti li teħtieġ titjib

# Werrej



56–59 Il-Kummissjoni tipprovdi assistenza siewja lill-Istati Membri iżda ma twettaqx żjarat fl-Istati Membri

60–62 Informazzjoni riċevuta minn pajjiżi mhux tal-UE mhijiex qed tiġi skambjata bejn l-Istati Membri

63–70 Fiscalis huwa strument importanti tal-UE għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni amministrattiva

71–92 Il-leġiżlazzjoni tal-VAT ġiet adattata biex tindirizza l-frodi tal-VAT

73–75 Il-perjodu ta' rappurtar tad-dikjarazzjonijiet rikapitulattivi tal-VAT u ż-żmien għat-trażmissjoni tagħhom tnaqqsu

76–85 Il-proċedura doganali 42: Il-biċċa l-kbira mir-rakkomandazzjonijiet tal-QEA ġew aċċettati mill-Kummissjoni iżda ma ġewx implimentati mill-Istati Membri

86–89 Reverse charge: għodda utli għall-ġlieda kontra l-frodi MTIC li mhijiex applikata b'mod konsistenti

90–92 Il-leġiżlazzjoni dwar il-kummerċ elettroniku ssegwi l-aħjar prattika internazzjonali iżda huwa diffiċli li tiġi infurzata

93–111 Nuqqas ta' kooperazzjoni u trikkib tal-kompetenzi tal-awtoritajiet amministrattivi, ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi fil-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT

95–100 Nuqqas ta' skambju ta' *data* bejn l-awtoritajiet doganali u tat-taxxa, il-pulizija u l-awtoritajiet ta' prosekuzzjoni

101–103 Il-Europol u l-OLAF ma għandhom ebda aċċess għall-VIES u għad-*data* tal-Eurofisc

104–109 EMPACT: inizjattiva tajba iżda s-sostenibbiltà tagħha hija f'riskju

110–111 L-Istati Membri ma jaqblux mal-proposti li l-VAT tiġi inkluża fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni tal-Interessi Finanzjarji u tar-Regolament dwar l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew

112–122 Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

113 Kejl tal-effettività tas-sistema

114 Huwa kruċjali li jsiru kontroverifiki tad-*data* doganali mad-*data* dwar il-VAT

115 Titjib tas-sistema ta' twissija bikrija tal-Eurofisc biex negozjanti b'riskju għoli jkunu aktar fil-mira

116–117 Titjib tal-qafas legali eżistenti

118–119 Titjib tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni amministrattiva

120–122 Titjib tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet amministrattivi, ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi

# Werrej



Anness I — Approċċ tal-awditjar fil-livell tal-Kummissjoni

Anness II — Approċċ tal-awditjar fil-livell tal-awtoritajiet doganali u tat-taxxa fl-Istati Membri

Anness III — Il-mudell ta' kontroll tal-QEA fuq il-proċedura doganali 42

Risposta tal-Kummissjoni

# Abbrevjazzjonijiet

06

**B2C**: Min-negozju għall-konsumatur

**CCIP**: Dispożizzjonijiet ta’ Implimentazzjoni tal-Kodiċi Doganali

**CCWP**: Grupp ta’ Ħidma dwar il-Kooperazzjoni Doganali

**CP 42**: Proċedura doganali 42

**DAU**: Dokument Amministrattiv Uniku

**DĠ Tassazzjoni u Unjoni Doganali**: Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali

**EMPACT**: Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali

**FATF**: Task Force ta’ Azzjoni Finanzjarja

**IC**: Intra-Komunitarju

**JCO**: Operazzjoni Doganali Konġunta

**MLCs**: Kontrolli multilaterali

**MTIC**: Frodi Intra-Komunitarja b’Negozjant Nieqes

**OAPs**: Pjanijiet ta’ Azzjoni Operazzjonali

**OCG**: Gruppi tal-Kriminalità Organizzata

**OECD**: L-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi

**OLAF**: Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi, tal-Kummissjoni Ewropea

**PIF**: Protezzjoni tal-Interessi Finanzjarji tal-Unjoni

**SCAC**: Il-Kumitat Permanenti dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva

**UE**: Unjoni Ewropea

**UPPE**: Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew

**VAT**: Taxxa fuq il-Valur Miżjud

**VIES**: Sistema ta’ Skambju ta’ Informazzjoni dwar il-VAT

**WF**: Qasam ta’ Ħidma tal-Eurofisc

# Glossarju



**Akkwist intra-Komunitarju ta' oġġetti**: L-akkwist tad-dritt li tiddisponi bħala sid ta' proprjetà tanġibbli mobbli, mibgħuta jew ittrasportata lill-persuna li tkun qed takkwista l-oġġetti, mill-bejjiegħ jew mill-persuna li tkun qed takkwista l-oġġetti, jew f'isimhom, fi Stat Membru ieħor li ma jkunx dak li minnu jkunu ntbagħtu jew ġew ittrasportati l-oġġetti.

**Ċirkulazzjoni libera**: L-istatus ta' oġġetti importati minn pajjiżi terzi li jkunu ngħaddew mill-formalitajet kollha tal-importazzjoni sabiex ikunu jistgħu jinbiegħu jew jiġu kkunsmati fis-suq tal-UE.

**Dikjarazzjoni doganali**: L-att li bih persuna tindika xewqa li tqiegħed oġġetti taħt proċedura doganali partikolari.

**Dikjarazzjoni rikapitulattiva**: Dikjarazzjoni li għandha tiġi ppreżentata minn kull persuna taxxabbli identifikata, għall-iskopijiet tal-VAT, li tipprovdi provvisti intra-Komunitarji. Bħala regola ġenerali, id-dikjarazzjoni rikapitulattiva għandha tiġi ppreżentata kull xahar u tirreġistra l-valur totali tal-oġġetti jew is-servizzi pprovduti lil kull akkwirent fi Stati Membri oħra, elenkati skont in-numri ta' identifikazzjoni tal-VAT tagħhom.

**Eurofisc**: Netwerk deċentralizzat ta' uffiċjali mill-amministrazzjonijiet doganali u tat-taxxa tal-Istati Membri, li f'qasir żmien jiskambjaw informazzjoni mmirata dwar kumpaniji jew tranżazzjonijiet li possibbilment ikunu frodulenti.

**Eurojust**: L-Aġenzija ta' kooperazzjoni ġudizzjarja tal-Unjoni Ewropea, stabbilita biex issaħħaħ il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata serja. Huwa magħmul minn prosekuturi, maġistrati, jew uffiċjali tal-pulizija nazzjonali b'kompetenza ekwivalenti, separati mill-Istati Membri skont l-ordinamenti ġuridiċi proprji tagħhom.

**Europol**: L-aġenzija ta' infurzar tal-liġi tal-Unjoni Ewropa li tassisti lill-korpi ta' infurzar tal-liġi fl-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata serja.

**Fiscalis**: Programm ta' azzjoni tal-UE għall-finanzjament ta' inizjattivi mill-amministrazzjonijiet tat-taxxa biex jitjieb l-operat tas-sistemi ta' tassazzjoni fis-suq intern, permezz ta' sistemi ta' komunikazzjoni u ta' skambju ta' informazzjoni, kontrolli multilaterali, seminars u gruppi ta' proġetti, żjarat ta' ħidma, attivitajiet ta' taħriġ u attivitajiet oħra simili meħtieġa biex jinkisbu l-objettivi tal-programm.

**Kooperazzjoni amministrattiva**: Skambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri li bih l-awtoritajiet tat-taxxa jassistu lil xulxin u jikkooperaw mal-Kummissjoni skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010 tas-7 ta' Ottubru 2010 sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni tajba tal-VAT fuq provvisti ta' oġġetti u servizzi, fuq l-akkwist intra-Komunitarju ta' oġġetti u fuq l-importazzjoni tal-oġġetti. Skambji ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri jkopru l-informazzjoni kollha li tista' twassal għal valutazzjoni korretta tal-VAT, inkluż fuq każijiet speċifiċi.

**Kumpanija intermedjarja (conduit)**: Kumpanija li tagħmel provvisti intra-Komunitarji reali jew fittizji lil negozjanti f'falliment jew lil negozjanti neqsin. Hija tieħu sehem fl-iskema frodulenti b'mod volontarju.

**Negozjant nieqes**: Negozjant irreġistrat għall-iskopijiet tal-VAT li, potenzjalment b'intenzjonijiet frodulenti, jakkwista jew ikollu l-intenzjoni li jakkwista oġġetti jew servizzi mingħajr ma jħallas il-VAT, u jipprovdi dawn l-oġġetti jew servizzi bil-VAT, iżda ma jgħaddix il-VAT miġbura lill-awtoritajiet nazzjonali tat-taxxa.

**Numru ta' identifikazzjoni tal-VAT (Nru ta' ID tal-VAT)**: Numru individwali mogħti lil kull persuna taxxabbli li jkollha l-intenzjoni li tagħmel provvisti ta' oġġetti jew servizzi, jew li tagħmel akkwisti ta' oġġetti għal skopijiet kummerċjali. Kull numru għandu prefiss ta' żewġ ittri li permezz tagħhom l-Istat Membru tal-ħruġ jista' jiġi identifikat.

# Glossarju



**O_MCTL**: Messaġġ ta' kontroll mill-VIES iġġenerat malli jiġi riċevut messaġġ mill-VIES u li jelenka n-numri inattivi kollha tal-VAT li jkun fih.

**Proċedura doganali 42**: Is-sistema li importatur juża sabiex jikseb eżenzjoni mill-VAT meta l-oġġetti impurtati jkunu se jiġu ttrasportati lejn Stat Membru ieħor. Il-VAT hija dovuta fl-Istat Membru tad-destinazzjoni.

**Provvista intra-Komunitarja ta' oġġetti**: Provvista ta' oġġetti mibgħuta jew ittrasportati lejn destinazzjoni 'l barra mit-territorju ta' oriġini tagħhom iżda ġewwa l-UE, minn jew f'isem bejjiegħ jew persuna li tkun qed takkwista l-oġġetti, għal persuna taxxabbli oħra, jew għal persuna ġuridika mhux taxxabbli li tkun qed taġixxi b'dan il-mod fi Stat Membru ieħor li ma jkunx dak li minnu jkunu ntbagħtu jew ġew ittrasportati l-oġġetti.

**Rilaxx ta' oġġetti**: L-att li bih l-awtoritajiet doganali jagħmlu oġġetti disponibbli għall-iskopijiet stipulati fil-proċedura doganali.

**SCAC**: Il-Kumitat Permanenti dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva huwa kumitat regolatorju skont l-Artikolu 58 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010 li jassisti lill-Kummissjoni fi kwistjonijiet kif stabbilit f'dak ir-regolament. Huwa magħmul mir-rappreżentanti tal-Istati Membri u ppresedut minn rappreżentant tal-Kummissjoni.

**Stat Membru tad-destinazzjoni**: L-Istat Membru li lejh l-oġġetti jiġu mibgħuta jew ittrasportati u li ma jkunx dak li fih issir il-provvista.

**Stat Membru tal-akkwist**: L-Istat Membru fejn iseħħ l-akkwist intra-Komunitarju.

**Stat Membru tal-importazzjoni**: L-Istat Membru fejn l-oġġetti jiġu importati fiżikament għal ġewwa l-UE u jiġu rilaxxati għaċ-ċirkulazzjoni libera.

**Stat Membru tal-provvista**: L-Istat Membru li minnu ssir il-provvista intra-Komunitarja.

**Trasferiment**: Il-bgħit jew it-trasport ta' oġġetti minn jew f'isem il-fornitur għall-iskopijiet tan-negozju tiegħu, lejn destinazzjoni 'l barra mit-territorju tal-Istat Membru li fih issir il-provvista, iżda ġewwa l-Komunità.

**VIES**: Is-Sistema ta' Skambju ta' Informazzjoni dwar il-VAT hija netwerk elettroniku għat-trażmissjoni ta' informazzjoni kemm dwar numri validi ta' identifikazzjoni tal-VAT ta' kumpaniji rreġistrati fl-Istati Membri, kif ukoll dwar provvisti intra-Komunitarji eżentati mit-taxxa. L-amministrazzjonijiet nazzjonali tat-taxxa huma responsabbli biex jalimentaw in-netwerk biż-żewġ tipi ta' informazzjoni.

# Sommarju eżekuttiv




**I**

Is-suq uniku, stabbilit fl-1 ta' Jannar 1993, abolixxa l-kontrolli fuq il-fruntieri għall-kummerċ intra-Komunitarju. Billi l-esportazzjonijiet ta' oġġetti u servizzi lejn Stat Membru ieħor komplew ikunu eżentati mill-VAT, dan ħoloq riskju li dawn l-oġġetti u s-servizzi ma jiġux intaxxati kemm fl-Istat fornitur kif ukoll fl-Istat konsumatur. Barra mit-telf ta' dħul għall-Istati Membri, il-VAT mhux li ma tinġabarx għandha effett fuq ir-Riżorsi Proprji tal-Unjoni Ewropea.

**II**

Dan l-awditu indirizza l-mistoqsija dwar jekk l-UE hijiex qed tindirizza l-frodi intra-Komunitarja tal-VAT b'mod effettiv. Il-Qorti sabet li s-sistema tal-UE mhijiex effettiva biżżejjed u li hija affettwata b'mod avvers min-nuqqas ta' *data* u ta' indikaturi kumparabbli dwar il-frodi intra-Komunitarja tal-VAT fil-livell tal-UE.

**III**

Il-frodi tal-VAT spiss hija marbuta mal-kriminalità organizzata. Skont ir-rappreżentanti tal-Europol, huwa stmat li EUR 40-60 biljun mit-telf annwali ta' dħul mill-VAT tal-Istati Membri huwa kkawżat minn gruppi tal-kriminalità organizzata u li 2 % ta' dawn il-gruppi jikkawżaw 80 % tal-frodi Intra-Komunitarja b'Negozjant Nieqes (MTIC).

**IV**

L-UE stabbilixxiet firxa ta' għodod li l-Istati Membri jistgħu jużaw fil-ġlieda kontra l-frodi intra-Komunitarja tal-VAT iżda jeħtieġ li xi wħud minnhom jissaħħu jew jiġu applikati b'mod aktar konsistenti. Fost l-oħrajn:

(a) ma hemm ebda kontroverifiki effettivi bejn id-*data* doganali u d-*data* fiskali fil-biċċa l-kbira mill-Istati Membri li nżaru;

(b) il-qafas ta' kooperazzjoni amministrattiva jippermetti li l-informazzjoni dwar il-VAT tinqasam bejn l-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Membri, iżda hemm problemi bl-eżattezza, il-kompletezza u l-puntwalità tad-*data*; u

(c) hemm nuqqas ta' kooperazzjoni u trikkib tal-kompetenzi ta' awtoritajiet amministrattivi, ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi.

### Ir-rakkomandazzjonijiet prinċipali tagħna

**V**

Filwaqt li huma l-Istati Membri li primarjament għandhom l-awtorità li japprovaw miżuri legali ġodda u li jimplimentawhom, il-Kummissjoni għandha:

(a) tibda sforz koordinat mill-Istati Membri biex tiġi stabbilita sistema komuni ta' ġbir ta' statistika dwar il-frodi intra-Komunitarja tal-VAT;

(b) tipproponi emendi leġiżlattivi li jippermettu li jsiru kontroverifiki effettivi bejn id-*data* doganali u d-*data* dwar il-VAT;

(c) tipprovdi l-inizjattiva u tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jindirizzaw dgħufijiet fil-Eurofisc;

(d) tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jikkoordinaw aħjar il-politiki tagħhom dwar ir-reverse charges;

(e) tiffoka, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tagħha tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni amministrattiva, fuq it-titjib tal-puntwalità tar-risposti mill-Istati Membri għal talbiet għal informazzjoni, l-affidabbiltà tal-VIES u s-segwitu għas-sejbiet tar-rapporti preċedenti tagħha dwar il-kooperazzjoni amministrattiva; u

(f) tneħħi, flimkien mal-Istati Membri, ostakli legali li jipprevienu l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet amministrattivi, ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi fil-livell nazzjonali u f'dak tal-UE. B'mod partikolari, l-OLAF u l-Europol għandu jkollhom aċċess għad-*data* tal-VIES u tal-Eurofisc, u l-Istati Membri għandhom jibbenefikaw mill-informazzjoni li huma jipprovdu.

## VI

L-Istati Membri għandhom jiġġieldu kontra attivitajiet illegali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea b'miżuri deterrenti effettivi, inklużi miżuri leġiżlattivi. B'mod partikolari, il-Kunsill għandu:

(a) japprova l-proposta tal-Kummissjoni dwar obbligazzjoni *in solidum*;

(b) jawtorizza lill-Kummissjoni biex tinnegozja Arranġamenti ta' Assistenza Reċiproka mal-pajjiżi fejn il-biċċa l-kbira mill-fornituri tas-servizz diġitali huma stabbiliti, u biex tiffirma dawn l-arranġamenti; u

## VII

Sabiex jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea b'mod effettiv, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom:

(a) jinkludu l-VAT fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-frodi (id-Direttiva dwar il-PIF) u tar-Regolament dwar l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew;

(b) jagħtu kompetenzi ċari u għodod lill-OLAF biex jinvestiga l-frodi intra-Komunitarja tal-VAT.

# Introduzzjoni



## Kif jiġu intaxxati t-tranżazzjonijiet intra-Komunitarji

### 01

Is-suq uniku, stabbilit fl-1 ta' Jannar 1993, abolixxa l-kontrolli fuq il-fruntieri għall-kummerċ intra-Komunitarju. Fornituri rreġistrati għall-VAT huma intitolati japplikaw rata żero tal-VAT fuq il-bejgħ tagħhom lil xerrejja rreġistrati għall-VAT fi Stati Membri oħra. Fil-prinċipju, il-VAT għandha titħallas fl-Istat Membru fejn l-oġġetti jiġu kkunsmati.

### 02

L-awtoritajiet tat-taxxa fl-Istat Membru fornitur huma obbligati jagħtu l-eżenzjoni mill-VAT fuq il-provvista intra-Komunitarja ta' oġġetti, bil-kundizzjoni li l-oġġetti jew jiġu pprovduti lill-klijient jew inkella jiġu trasferiti direttament[1] lill-fornitur fi Stat Membru ieħor. L-eżenzjoni mill-VAT tkun applikabbli biss meta l-fornitur ikun jista' juri li l-oġġetti telqu fiżikament mill-Istat Membru fornitur.

### 03

Għall-iskopijiet tal-VAT intra-Komunitarja, il-fornituri jridu jkunu identifikati b'Identifikazzjoni (ID) speċifika tal-VAT u jridu jirrappurtaw il-provvisti jew it-trasferimenti intra-Komunitarji tagħhom b'mod regolari f'dikjarazzjoni rikapitulattiva[2] ppreżentata lill-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istat Membru fornitur. L-UE stabbilixxiet sistema elettronika (VIES)[3], li permezz tagħha l-Istati Membri jiskambjaw informazzjoni dwar negozjanti rreġistrati għall-iskopijiet tal-VAT u dwar provvisti intra-Komunitarji.

### 04

L-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istat Membru fornitur huma obbligati li jdaħħlu l-informazzjoni mid-dikjarazzjonijiet rikapitulattivi tal-VAT fid-database tal-VIES, u b'hekk jagħmlu din id-*data* disponibbli lill-awtoritajiet tat-taxxa fl-Istat Membru tad-destinazzjoni. Il-klijent irid jiddikjara akkwist intra-Komunitarju lill-awtoritajiet tat-taxxa fl-Istat Membru tad-destinazzjoni, fatt taxxabbli li jagħmel il-VAT imponibbli fl-Istat Membru tad-destinazzjoni finali. Iċ-***Ċart 1*** turi kif il-provvisti intra-Komunitarji ta' oġġetti jiġu rrappurtati u kkontrollati permezz tal-VIES.

1 F'dan il-kuntest, trasferiment għandha tfisser oġġetti mibgħuta jew ittrasportati minn jew għan-nom tal-fornitur għall-iskop tan-negozju tiegħu għal destinazzjoni barra mit-territorju tal-Istat Membru li fih issir il-provvista, iżda ġewwa l-UE, skont l-Artikolu 17(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (id-Direttiva dwar il-VAT) (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1).

2 Dikjarazzjoni li għandha tiġi ppreżentata minn kull persuna taxxabbli identifikata għall-iskopijiet tal-VAT li tagħmel fornimenti intra-Komunitarji. Id-dikjarazzjoni rikapitulattiva għandha ssir kull xahar u tirreġistra l-valur totali tal-oġġetti pprovduti lil kull akkwirent fi Stati Membri oħra, elenkati skont in-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT. L-Istati Membri jistgħu jippermettu li din id-dikjarazzjoni tiġi ppreżentata kull tliet xhur meta l-valur tal-oġġett pprovduti ma jaqbiżx EUR 50 000.

3 Is-Sistema ta' Skambju ta' Informazzjoni dwar il-VAT, skont l-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010 tas-7 ta' Ottubru 2010 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud (tfassil mill-ġdid) (ĠU L 268, 12.10.2010, p. 1).

Ċart 1

## Kif taħdem il-VIES




*Sors:* Il-QEA.

## Kif issir evażjoni tal-pagamenti tal-VAT fuq tranżazzjonijiet intra-Komunitarji

**05**
Ta' spiss, sar abbuż mis-sistema intra-Komunitarja tal-VAT taħt l-hekk imsejħa Frodi Intra-Komunitarja b'Negozjant Nieqes (MTIC). Taħt din l-iskema ta' frodi, fornitur stabbilit fl-Istat Membru 1, l-hekk imsejħa kumpanija intermedjarja (conduit), jipprovdi oġġetti (eżentati mill-VAT) lil kumpanija oħra stabbilita fl-Istat Membru 2, l-hekk imsejjaħ negozjant nieqes. Dan in-negozjant imbagħad jieħu vantaġġ mill-provvista intra-Komunitarja ta' oġġetti li hija eżentata mill-VAT u jerġa' jbigħ l-istess oġġetti fis-suq domestiku tal-Istat Membru 2, fejn joffri prezzijiet kompetittivi ħafna. Dan jista' jsir minħabba li, għalkemm in-negozjant jiddebita l-VAT lill-klijenti tiegħu, huwa ma jgħaddihiex lill-awtoritajiet tat-taxxa, u b'hekk iżid il-marġni tal-profitt tiegħu. Sussegwentement, in-negozjant nieqes jisparixxi bla ma jħalli traċċi, li jagħmilha impossibbli li t-taxxa tinġabar fl-Istat li fih jiġu kkunsmati l-oġġetti jew is-servizzi.

## 06

Taħt varjanti ta' din l-iskema, klijent tan-negozjant nieqes (is-sensar) ibigħ jew taparsi jbigħ l-oġġetti barra mill-pajjiż, xi kultant lura lill-kumpanija intermedjarja, u jikklejmja lura mill-awtoritajiet tat-taxxa tiegħu l-VAT li jkun ħallas lin-negozjant nieqes. L-istess tranżazzjoni tista' tiġi ripetuta b'mod ċirkolari, u b'hekk hija magħrufa bħala "frodi karusell".

## 07

Xi drabi l-oġġetti lanqas biss jiċċaqilqu, jew ikunu jeżistu biss fuq il-karta. Il-frodi tista' tkun ikkumplikata aktar meta n-negozjant nieqes ibigħ l-oġġetti lil negozjanti nofsanin, li xi wħud minnhom jistgħu jkunu onesti, biex jagħmilha aktar diffiċli għall-awtoritajiet tat-taxxa li jittraċċaw l-iskema frodulenti. Meta l-fluss ċirkolari jkun jinkludi pajjiż terz, il-proċedura doganali 42[4] tista' tintuża wkoll biex tostakola t-traċċabbiltà tat-tranżazzjonijiet.

## 08

Iċ-***Ċart 2*** turi skema bażika ta' frodi karusell bis-suppożizzjoni ta' rata tal-VAT ta' 20 %. Fl-ewwel pass, il-kumpanija intermedjarja tbigħ l-oġġetti lin-negozjant nieqes għal EUR 1 000 000 mingħajr ma tiddebita l-VAT billi provvisti intra-Komunitarja huma eżentati mill-VAT. Fit-tieni pass, in-negozjant nieqes ibigħ l-oġġetti lin-negozjant nofsani 1 għal EUR 1 080 000 (EUR 900 000 u EUR 180 000 VAT). In-negozjant nieqes ma jgħaddix dawn il-EUR 180 000 VAT lill-awtorità tat-taxxa tiegħu u jisparixxi. Fit-tielet pass, in-negozjant nofsani 1, li jista' ma jkunx konxju li jkun qed jieħu sehem f'katina frodulenti, ibigħ l-oġġetti lin-negozjant nofsani 2 bi profitt ta' EUR 20 000 u jħallas 20 % ta' dan il-profitt bħala VAT lill-awtorità tat-taxxa (EUR 4 000). In-negozjant nofsani 2 ibigħ l-oġġetti lis-sensar bi profitt ta' EUR 30 000 u jħallas VAT ta' 20 % ta' dan il-profitt (EUR 6 000). Is-sensar jikkompleta l-katina frodulenti billi jbigħ l-oġġetti lura lill-kumpanija intermedjarja bi profitt ta' EUR 20 000. Huwa ma jiddebitax VAT lill-kumpanija intermedjarja minħabba li l-provvisti intra-Komunitarji huma eżentati mill-VAT iżda jikklejmja lura l-VAT li jkun ħallas lin-negozjant nofsani 2 (EUR 190 000). Għalhekk, l-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istat Membru 2 jagħmlu telf ta' EUR 180 000 taxxa minħabba li huma jiġbru EUR 10 000 min-negozjanti nofsanin 1 u 2, iżda jirrifondu EUR 190 000 lis-sensar. Il-profitt totali miksub mill-karusell huwa wkoll ta' EUR 180 000 li jinqasam bejn il-partijiet differenti involuti fil-frodi.

4 Il-proċedura doganali 42 hija s-sistema li importatur juża sabiex jikseb eżenzjoni mill-VAT meta l-oġġetti impurtati jkunu se jiġu ttrasportati lejn Stat Membru ieħor. Il-VAT tkun dovuta fl-Istat Membru tad-destinazzjoni.

Ċart 2

## Skema ta' frodi karusell




*Sors:* Il-QEA, bbażat fuq eżempju mit-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja.

## 09

Il-frodi b'negozjant nieqes u l-frodi karusell normalment jiffukaw fuq prodotti b'valur għoli bħal telefowns ċellulari, ċippijiet tal-kompjuters u metalli prezzjużi, iżda jinkludu wkoll oġġetti intanġibbli bħal krediti ta' karbonju, ċertifikati tal-gass u tal-elettriku u ċertifikati tal-enerġija ekoloġika[5].

## 10

B'riżultat ta' dan ta' hawn fuq, Stati Membri individwali ma jistgħux jindirizzaw il-frodi intra-Komunitarja tal-VAT waħidhom, huma jridu jaħdmu mill-qrib mal-awtoritajiet tat-taxxa ta' Stati Membri oħra tal-UE u ta' pajjiżi mhux tal-UE[6].

## Kif il-kooperazzjoni amministrattiva għall-ġlieda kontra l-frodi intra-Komunitarja tal-VAT taħdem

## 11

Is-suq uniku abolixxa l-kontrolli fuq il-fruntieri għall-kummerċ intra-Komunitarju. Minn dak iż-żmien 'l hawn, l-Istati Membri jiddependu fuq informazzjoni li jirċievu minn Stati Membri oħra dwar kummerċ intra-Komunitarju biex ikunu jistgħu jiġbru l-VAT fit-territorju tagħhom. L-Istati Membri jiskambjaw din l-informazzjoni bl-użu tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni amministrattiva previsti fil-leġiżlazzjoni tal-UE[7]. Din il-leġiżlazzjoni tistabbilixxi l-għodod ta' kooperazzjoni amministrattiva li ġejjin:

(a) skambji ta' informazzjoni fuq talba u skambji ta' informazzjoni mingħajr talba minn qabel bl-użu ta' formoli standard approvati mill-Kumitat Permanenti dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva (SCAC);

(b) skambji ta' informazzjoni permezz tad-database elettronika tal-VIES (ara l-paragrafi 3 u 4 hawn fuq);

(c) kontrolli mwettqa simultanjament f'żewġ Stati Membri jew aktar (kontrolli multilaterali - MLCs) u l-preżenza ta' uffiċjali tat-taxxa fi Stati Membri oħra li tippermettilhom jiksbu aċċess għal dokumentazzjoni miżmuma hemmhekk jew li jattendu inkjesti li jkunu għaddejjin; u

(d) netwerk deċentralizzat imsejjaħ Eurofisc għall-iskambju rapidu ta' informazzjoni mmirata bejn l-Istati Membri dwar negozjanti suspettużi u kwistjonijiet simili. L-iskop tiegħu huwa li jippromwovi u jiffaċilita l-kooperazzjoni multilaterali fil-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT. In-netwerk jiffunzjona bħala qafas ta' kooperazzjoni mingħajr personalità ġuridika.

## 12

Fiscalis huwa programm ta' azzjoni tal-UE li jiffinanzja attivitajiet bħal sistemi ta' komunikazzjoni u ta' skambju ta' informazzjoni, kontrolli multilaterali, seminars u gruppi ta' proġetti, żjarat ta' ħidma, attivitajiet ta' taħriġ u attivitajiet simili oħra. L-iskop tiegħu huwa li jtejjeb il-funzjonament xieraq tas-sistemi ta' tassazzjoni fis-suq intern billi jżid il-kooperazzjoni bejn il-pajjiżi parteċipanti, l-amministrazzjonijiet u l-uffiċjali tagħhom.

5 House of Lords, it-12-il Rapport tas-Sessjoni 2012-2013 tal-Kumitat tal-Unjoni Ewropea "The Fight Against Fraud on the EU's Finances" (Il-Ġlieda Kontra l-Frodi fuq il-Finanzi tal-UE), il-Kaxxa 4, p. 22.

6 House of Commons, il-Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi "Standard Report on the Accounts of HM Revenue and Customs: VAT Missing Trader Fraud" (Rapport Standard dwar il-Kontijiet tal-HM Revenue and Customs: Frodi tal-VAT b'Negozjant Nieqes), il-45 Rapport tas-Sessjoni 2006–07, Sommarju, p. 3. Ara wkoll COM(2014) 71 final tat-12 ta' Frar 2014 "Rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud".

7 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010.

**13**

Iċ-***Ċart 3*** hawn taħt turi kif jaħdmu l-għodod differenti ta' kooperazzjoni amministrattiva u ċ-***Ċart 4*** turi l-klassifikazzjoni tagħhom f'termini ta' veloċità u tal-livell ta' dettall tal-informazzjoni pprovduta.

**Ċart 3** Għodod ta' kooperazzjoni amministrattiva




*Sors:* Il-QEA.

Ċart 4

## Klassifikazzjoni tal-għodod ta' kooperazzjoni amministrattiva f'termini ta' veloċità u tal-livell ta' dettall tal-informazzjoni pprovduta




*Sors:* Il-QEA bbażat fuq informazzjoni mill-Eurofisc.

# Ambitu u approċċ tal-awditjar



14
L-objettiv tal-awditu kien li jwieġeb il-mistoqsija "l-UE qed tindirizza l-frodi intra-Komunitarja tal-VAT b'mod effettiv?" Dan sar billi ġew indirizzati s-sottomistoqsijiet li ġejjin:

(a) Il-Kummissjoni qed tuża b'mod effettiv l-għodod għad-dispożizzjoni tagħha biex tindirizza l-frodi intra-Komunitarja tal-VAT u dawn l-għodod huma suffiċjenti? Biex inwieġbu din il-mistoqsija, aħna eżaminajna jekk:

  (i) il-Kummissjoni kinitx għamlet stima affidabbli tal-volum ta' frodi f'dan il-qasam, u jekk kinitx issettjat indikaturi tal-prestazzjoni rilevanti sabiex ikunu jistgħu jiġu vvalutati l-kobor tal-problema u l-effettività tal-miżuri regolatorji u ta' kontroll li ġew adottati biex din tingħeleb;

  (ii) il-Kummissjoni kinitx stabbilixxiet arranġamenti ta' kooperazzjoni amministrattiva effettiva bejn l-Istati Membri sabiex l-informazzjoni dwar il-VAT tkun tista' tinqasam bejn l-awtoritajiet tat-taxxa;

  (iii) il-Kummissjoni kinitx ikkontribwixxiet għall-istabbiliment ta' qafas regolatorju sod billi ppreżentat proposti leġiżlattivi pertinenti li probabbilment iwasslu għal tnaqqis fil-frodi tal-VAT fl-Istati Membri.

(b) L-Istati Membri qed jikkooperaw b'mod effettiv biex jindirizzaw il-frodi intra-Komunitarja tal-VAT? Sabiex inwieġbu din il-mistoqsija, aħna eżaminajna jekk kienx hemm stabbiliti mekkaniżmi xierqa li jiżguraw komunikazzjoni effettiva tal-informazzjoni meħtieġa u kooperazzjoni amministrattiva bejn l-awtoritajiet ta' Stati Membri differenti u fi ħdan l-Istati Membri.

15
Aħna wettaqna l-awditu kemm fil-livell tal-Kummissjoni kif ukoll f'dak tal-Istati Membri. Fil-livell tal-Kummissjoni aħna eżaminajna jekk il-qafas regolatorju u ta' kontroll speċifiku stabbilit mill-Kummissjoni jsegwix l-aħjar prattika internazzjonali dwar it-tassazzjoni transkonfinali. Barra minn hekk, għamilna żjarat ta' informazzjoni għand l-OECD, il-Europol, il-Eurojust u l-president tal-Eurofisc. Ara aktar dettalji dwar l-approċċ tal-awditjar fil-Kummissjoni fl-***Anness I***.

16
Aħna bgħatna stħarriġ lill-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Membri kollha dwar l-effettività tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni amministrattiva fil-ġlieda kontra l-frodi intra-Komunitarja tal-VAT. Barra minn hekk, aħna wettaqna żjarat tal-awditjar għand l-awtoritajiet rilevanti f'ħames Stati Membri (il-Ġermanja, l-Italja, l-Ungerija, il-Latvja u r-Renju Unit). Dawn intagħżlu bbażat fuq analiżi tar-riskju b'kunsiderazzjoni tal-importanza tal-bażi tal-VAT tagħhom u tal-vulnerabbiltà tagħhom għall-frodi tal-VAT.

17
Fl-Istati Membri magħżula ngħatat attenzjoni għall-fluss ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Membri fornituri u dawk tal-Istat Membru konsumatur finali, bil-ħsieb li jiġi żgurat li l-awtoritajiet tat-taxxa jkunu konxji mit-tranżazzjonijiet intra-Komunitarji.

18
F'kull Stat Membru aħna awditjajna kampjun ta' għodod ta' kooperazzjoni amministrattiva: 20 skambju ta' informazzjoni fuq talba, 10 reġistrazzjonijiet ġodda fil-VIES, 20 messaġġ ta' żball fil-VIES, 10 MLCs u 20 messaġġ dwar negozjanti riskjużi (sinjali ta' frodi) skambjati permezz tal-qasam ta' ħidma 1 tal-Eurofisc. Fil-każ tat-tranżazzjonijet tal-proċedura doganali 42, aħna analizzajna l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tat taxxa u doganali tal-Istat Membru fornitur fir-rigward ta' kampjun ta' 30 importazzjoni. Barra minn hekk, aħna tajna segwitu għall-istatus tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li saru fir-rapport tagħna dwar il-proċedura doganali 42[8]. Ara aktar dettalji dwar l-approċċ tal-awditjar fl-Istati Membri fl-***Anness II***.

8 Ir-Rapport Speċjal Nru 13/2011 "Il-kontroll tal-proċedura doganali 42 jimpedixxi u jsib l-evażjoni tal-VAT?" (http://eca.europa.eu).

## Nuqqas ta' data u ta' indikaturi kumparabbli dwar il-frodi intra-Komunitarja tal-VAT

**19**

Biex jiġġieldu b'mod effettiv kontra l-frodi tal-VAT, jeħtieġ li l-awtoritajiet tat-taxxa jistabbilixxu sistemi biex jistmawha u mbagħad jissettjaw miri operazzjonali biex inaqqsuha. Kif il-Qorti indikat fl-2008, "Li jkun hemm *data* dwar l-evażjoni (il-frodi) tal-VAT intra-Komunitarja li tista' titqabbel jgħin sabiex ikun hemm kooperazzjoni mmirata aħjar bejn l-Istati Membri. Hemm bżonn li jiġi żviluppat approċċ komuni mill-Kummissjoni flimkien mal-Istati Membri lejn il-kwantifikazzjoni u l-analiżi tal-evażjoni (il-frodi) tal-VAT"[9].

## Nuqqas ta' stimi tal-frodi intra-Komunitarja tal-VAT fil-livell tal-UE

**20**

Billi żewġ Stati Membri biss, il-Belġju u r-Renju Unit, jippubblikaw stimi dwar it-telf tal-VAT minħabba l-frodi intra-Komunitarja, il-Kummissjoni ma għandhiex stimi għall-UE fl-intier tagħha. (ara l-***Kaxxa 1***).

**21**

Fin-nuqqas ta' informazzjoni diretta dwar il-frodi tal-VAT, il-Kummissjoni kkuntrattat studji b'mod regolari biex tagħmel stima tad-differenza bejn l-ammont ta' VAT li fil-fatt inġabar u l-Obbligazzjoni Fiskali Totali tal-VAT, magħrufa bħala l-ksur fil-konformità mal-VAT. L-istudju l-aktar reċenti stima li kien hemm diskrepanza fil-VAT ta' EUR 168 biljun fl-UE-26[10], jew ta' 15.2 % tal-Obbligazzjoni Fiskali Totali fl-2013[11].

**22**

Il-ksur fil-konformità mal-VAT mhuwiex stima affidabbli tal-frodi intra-Komunitarja tal-VAT, minħabba li, minbarra l-fatt li jinkludi kemm frodi domestika kif ukoll frodi transkonfinali tal-VAT, huwa jinkludi wkoll telf ieħor ta' dħul, inkluż dak dovut għall-evażjoni legali tat-taxxa, l-insolvenza tan-negozjanti u l-prattiki tal-amministrazzjonijiet tat-taxxa li jittolleraw arretrati tat-taxxa minn kumpaniji f'diffikultà. Barra minn hekk, id-diskrepanza fil-VAT hija sensittiva ħafna għall-istimi tal-ekonomija griża li huma inklużi fid-*data* tal-PDG.

9 Il-Paragrafu 110 tar-Rapport Speċjali Nru 8/2007 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU C 20, 25.1.2008, p. 1).

10 L-istudji ma nkludewx stimi għall-Kroazja u għal Ċipru, minħabba li l-istatistika tal-kontijiet nazzjonali taż-żewġ pajjiżi għadha mhijiex kompleta.

11 Il-Kummissjoni Ewropea, "Study to quantify and analyse the VAT Gap in the EU Member States. 2015 Report" (Studju għall-kwantifikazzjoni u l-analiżi tad-Diskrepanza fil-VAT fl-Istati Membri tal-UE. Rapport tal-2015) (http://ec.europa.eu/taxation_customs/common/publications/studies/index_en.htm).

**Kaxxa 1**

### Stimi disponibbli tal-frodi MTIC

Fit-22 ta' Ottubru 2015 ir-Renju Unit ikkwantifika li l-frodi intra-Komunitarja tal-VAT kienet f'livell ta' bejn GBP 0.5 u GBP 1 biljun għall-2013-14[12]. Iċ-ċifri ppubblikati juru tnaqqis ta' GBP 0.5 biljun matul dawn l-aħħar ħames snin.

L-istima l-aktar reċenti ppubblikata mill-Istituzzjoni Suprema tal-Awditjar tal-Belġju kkwantifikat frodi b'negozjant nieqes ta' EUR 94 miljun għall-2009, ta' EUR 29 miljun għall-2010 u ta' EUR 28 miljun għall-2011[13].

12 https://www.gov.uk/government/statistics/measuring-tax-gaps Fir-Renju Unit, għall-iskopijiet tar-rapporti finanzjarji tal-gvern, is-sena finanzjarja tibda fl-1 ta' April u tintemm fil-31 ta' Marzu.

13 *"Fraude intracommunautaire à la TVA. Audit de suivi réalisé en collaboration avec les cours des comptes des Pays-Bas et d'Allemagne. Rapport de la Cour des comptes transmis à la Chambre des représentants Bruxelles, septembre 2012"*.

### Nuqqas ta' indikaturi tal-prestazzjoni dwar il-frodi intra-Komunitarja tal-VAT

**23**
Il-Kummissjoni ma tissettjax indikaturi tal-prestazzjoni jew miri operazzjonali relatati mat-tnaqqis tal-frodi intra-Komunitarja tal-VAT, u bl-eċċezzjoni tar-Renju Unit, lanqas l-amministrazzjonijiet tat-taxxa tal-Istati Membri ma jagħmlu dan.

**24**
Ir-Renju Unit regolarment jissettja indikaturi tal-prestazzjoni f'termini ta' dħul addizzjonali akkumulat li jirriżulta minn skambji ta' informazzjoni dwar il-VAT, l-għadd ta' valutazzjonijiet u l-għadd ta' każijiet ta' frodi.

**25**
In-nuqqas ta' stimi ta' frodi intra-Komunitarja tal-VAT fil-livell tal-UE u ta' indikaturi tal-prestazzjoni għall-monitoraġġ tal-progress, jagħmilha diffiċli li jiġi vvalutat jekk l-isforzi tal-UE biex tindirizza l-frodi tal-VAT humiex effettivi.

### Il-qafas ta' kooperazzjoni amministrattiva stabbilit jippermetti li l-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Membri jaqsmu l-informazzjoni dwar il-VAT

**26**
Biex jiġbru l-VAT fit-territorju tagħhom, l-Istati Membri jiddependu fuq informazzjoni li jirċievu minn Stati Membri dwar il-kummerċ intra-Komunitarju. L-istħarriġ li wettaqna wera li 26 mit-28 awtorità tat-taxxa tal-Istati Membri jqisu li l-qafas attwali għall-kooperazzjoni amministrattiva huwa suffiċjenti biex il-frodi intra-Komunitarja tal-VAT tiġi miġġielda b'mod effettiv.

### L-Istati Membri qiesu li l-iskambji ta' informazzjoni bl-użu ta' formoli elettroniċi standard huma l-aktar għodda effettiva iżda l-puntwalità tar-risposti hija fqira

**27**
Ir-riżultati tal-istħarriġ tagħna juru li dawn l-iskambji ta' informazzjoni huma l-aktar għodda b'saħħitha fil-ġlieda kontra l-frodi, billi r-risposti jistgħu jintużaw bħala evidenza f'Qorti. Il-formoli elettroniċi għal dawn l-iskambji, introdotti f'Lulju 2013, qed jiffunzjonaw b'mod sodisfaċenti, u qed iwasslu għal ipproċessar aktar veloċi tat-talbiet. Il-ġbir ta' evidenza tal-involviment ta' negozjant fi frodi jtejjeb l-irkupru tal-VAT. Barra minn hekk, l-awtoritajiet tat-taxxa qed jużaw din l-informazzjoni biex jirrifjutaw lin-negozjanti d-dritt għal tnaqqis tal-VAT imħallsa għax-xirjiet tagħhom[14] jew id-dritt għal eżenzjoni ta' provvisti intra-Komunitarji mill-VAT[15] (jiġifieri li japplikaw ir-rata żero) ibbażat fuq il-fatt li n-negozjant kien jaf jew kellu jkun jaf li t-tranżazzjonijiet tiegħu kienu konnessi ma' telf frodulenti ta' taxxa.

14 Is-sentenza tal-Qorti tas-6 ta' Lulju 2006 fil-Kawżi Magħquda C-439/04 u C-440/04 Kittel u Recolta Recycling [2006] ECR I -6177, il-paragrafi 60 u 61.

15 Is-sentenza tal-Qorti tas-6 ta' Settembru 2012 fil-Kawża C-273/11 Mecsek-Gabona, il-paragrafu 55.

28
Hemm żewġ tipi ta' skambju ta' informazzjoni bl-użu ta' formoli standard: Skambji ta' informazzjoni fuq talba u skambji ta' informazzjoni mingħajr talba minn qabel.

## Skambji ta' informazzjoni fuq talba

29
L-awtoritajiet tal-Istati Membri suppost li jipprovdu l-informazzjoni mitluba kemm jista' jkun malajr iżda mhux aktar tard minn tliet xhur wara d-data li fiha tkun ġiet riċevuta t-talba. Fejn l-awtorità rikjesta diġà jkollha dik l-informazzjoni, il-limitu ta' żmien jitnaqqas għal perjodu massimu ta' xahar.

30
Madankollu, il-puntwalità tar-risposti ma kinitx sodisfaċenti. L-istatistika mibgħuta mill-Istati Membri lill-Kummissjoni turi li, b'kollox, l-Istati Membri rrispondew tard għal 41 % tat-talbiet li rċevew fl-2013. Barra minn hekk, sitt Stati Membri rrispondew tard aktar minn 50 % tal-ħin. Analiżi tal-għadd ta' talbiet riċevuti għal kull Stat Membru turi li d-dewmien mhux dejjem kien proporzjonali għall-volum ta' xogħol ikkawżat mill-għadd ta' talbiet.

31
Ħlief għar-Renju Unit, ebda waħda mill-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Membri awditjati ma ssettjat miri operazzjonali għat-tnaqqis tal-perċentwal ta' risposti tardivi, għall-ġbir ta' dħul addizzjonali li jirriżulta minn skambji ta' informazzjoni dwar il-VAT jew għall-għadd ta' valutazzjonijiet /każijiet ta' frodi. Barra minn hekk, fil-biċċa l-kbira, mhuwiex magħruf l-impatt ta' din l-għodda ta' kooperazzjoni amministrattiva f'termini ta' ġbir tal-VAT.

32
Madankollu, l-istħarriġ wera li l-wiġġieba kollha minbarra wieħed kienu kuntenti bil-kwalità tar-risposti. Il-Kummissjoni ssettjat indikaturi tal-prestazzjoni fir-rigward tal-għadd ta' skambji ta' informazzjoni u l-mira li hija ssettjat, li ċ-ċifra bażi tal-iskambji ta' informazzjoni fuq talba tiżdied bi 13 %, intlaħqet fl-2013.

33
L-iskambju elettroniku ta' informazzjoni fuq talba huwa għodda utli apprezzata mill-Istati Membri. Madankollu, hemm nuqqas ta' informazzjoni dwar l-effettività tagħha f'termini ta' ġbir tal-VAT. Barra minn hekk, risposti tardivi jfixklu l-effettività tal-ġbir tal-VAT.

## Skambji ta' informazzjoni mingħajr talba minn qabel

### 34

Taħt il-liġi tal-UE, "l-awtorità kompetenti ta' kwalunkwe Stat Membru għandha, mingħajr talba minn qabel, tibgħat... informazzjoni... lill-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru ieħor ikkonċernat, fil-każijiet li ġejjin:

(a) fejn it-tassazzjoni titqies li sseħħ fl-Istat Membru tad-destinazzjoni u u l-informazzjoni pprovduta mill-Istat Membru tal-oriġini hija meħtieġa għall-effettività tas-sistema ta' kontroll tal-Istat Membru tad-destinazzjoni;

(b) fejn Stat Membru għandu raġunijiet biex jemmen li fi Stat Membru ieħor sar jew jista' jkun li sar ksur tal-leġiżlazzjoni tal-VAT; u

(c) fejn hemm riskju ta' telf ta' dħul mit-taxxa fl-Istat Membru l-ieħor[16]".

### 35

Il-Kummissjoni ssettjat indikaturi tal-prestazzjoni fir-rigward tal-għadd ta' skambji ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u l-mira tagħha, li ċ-ċifra bażi tiżdied b'10, intlaħqet fl-2013.

### 36

L-istħarriġ wera biċ-ċar li l-Istati Membri sabu l-għodda utli. Huma taw ħafna eżempji (valutazzjonijiet addizzjonali tal-VAT, informazzjoni dwar negozjanti neqsin, korrezzjonijiet fil-VIES) fejn l-iskambju ta' informazzjoni mingħajr talba minn qabel kien siewi ħafna għalihom.

## Il-VIES tipprovdi informazzjoni dwar tranżazzjonijiet intra-Komunitarji b'xi problemi okkażjonali ta' affidabbiltà

### 37

L-UE stabbilixxiet sistema elettronika (VIES), li taħtha l-Istati Membri jiskambjaw informazzjoni dwar negozjanti rreġistrati għall-iskopijiet tal-VAT u dwar provvisti intra-Komunitarji. L-Istati Membri huma responsabbli biex jiżguraw il-kwalità u l-affidabbiltà tal-informazzjoni inkluża fil-VIES u għandhom jimplimentaw proċeduri għall-iċċekkjar ta' din id-*data* wara l-valutazzjoni tar-riskju tagħhom. Fil-prinċipju, dawn il-kontrolli għandhom jitwettqu qabel ma jinħarġu numri ta' identifikazzjoni għall-iskopijiet tal-VAT jew, fejn jitwettqu biss kontrolli preliminari qabel din l-identifikazzjoni, mhux aktar tard minn sitt xhur wara identifikazzjoni bħal din.

16 L-Artikolu 13(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010.

**38**
Għalkemm l-istħarriġ tagħna indika biss problemi okkażjonali bl-affidabbiltà tas-sistema (4 wiġġieba minn 28), (i) issemmew 17-il problema rigward in-nuqqas ta' disponibbiltà u d-disponibbiltà tardiva tad-*data*; (ii) ir-risposti għall-istħarriġ enfasizzaw ukoll diffikultajiet biex tiġi aċċessata d-*data* ta' 11-il Stat Membru; (iii) il-wiġġieba rrappurtaw problemi bil-kanċellazzjoni f'waqtha ta' Numri ta' ID tal-VAT, fir-rigward ta' 10 Stati Membri; u (iv) minbarra dan, id-*data* dwar in-Numri ta' ID tal-VAT ma kinitx aġġornata f'7 Stati Membri.

**39**
Dawn is-sejbiet ġew ikkonfermati mit-testijiet tal-awditjar li wettaqna fil-ħames Stati Membri li nżaru. Barra minn hekk, it-testijiet tagħna wrew li n-numri ta' ID tal-VAT jiġu allokati fil-VIES mingħajr ma jiskattaw kontrolli bbażati fuq ir-riskju u "edukazzjoni xierqa"[17] tan-negozjanti li jkunu diġà rreġistrati għall-iskopijiet tat-taxxa. Biex is-sistemi tal-immaniġġjar tar-riskju tal-Istati Membri jkunu effettivi u jnaqqsu l-problema tan-negozjanti neqsin, huwa importanti li negozjanti b'riskju għoli jiġu ċċekkjati immedjatament wara r-reġistrazzjoni fil-VIES.

**40**
Min-naħa pożittiva, fil-Portugall ġiet stabbilita sistema ta' numri tal-VAT fuq żewġ livelli, jiġifieri numru ta' identità tal-VAT għall-attività domestika separat minn numru ieħor ta' identità tal-VAT użat għall-provvisti intra-Komunitarji. Barra minn hekk, xi Stati Membri bħal Spanja, il-Portugall u l-Kroazja għandhom kontrolli addizzjonali stabbiliti biex jiċċekkjaw persuni taxxabbli li jkunu qed ifittxu li jagħmlu provvisti intra-Komunitarji.

**41**
Aħna għażilna kampjun ta' messaġġi ta' żball fil-VIES dwar numri tal-VAT skorretti[18] u sibna li l-awtoritajiet tat-taxxa fil-biċċa l-kbira mill-Istati Membri li nżaru[19] ma rreaġixxewx għal dawn il-messaġġi. Dan ikabbar ir-riskju li xi provvisti jibqgħu ma jiġux intaxxati. Barra minn hekk, l-Istat Membru li jirċievi d-dikjarazzjonijiet rikapitulattivi jrid jinfurma lil min jibgħathom fi żmien jumejn ta' xogħol jekk in-numri tal-VAT ikunu skorretti. Madankollu, f'każ wieħed, Stat Membru bagħat il-messaġġ ta' żball aktar minn sentejn u ħames xhur tard. Jekk il-messaġġ ta' żball jiġi riċevut wara l-perjodu ta' preskrizzjoni[20], ma jkunx possibbli li tinġabar il-VAT.

**42**
Fi frodi karusell, il-kumpaniji intermedjarji jagħmlu provvisti intra-Komunitarji fittizji jew reali lil negozjanti neqsin jew lil negozjanti f'falliment. Din hija r-raġuni għalfejn jeħtieġ li s-sħab kummerċjali tagħhom fi Stati Membri oħra jiġu identifikati, mmonitorjati, u jekk meħtieġ, jitneħħew mir-reġistru mingħajr dewmien. Madankollu, il-leġiżlazzjoni f'xi Stati Membri ma tippermettix li kumpanija intermedjarja titneħħa mir-reġistru sempliċiment minħabba li jkollha relazzjonijiet kummerċjali ma' negozjanti neqsin jew ma' negozjanti f'falliment.

17 Skont il-"Compliance Risk Management Guide For Tax Administrations" (Gwida għall-Immaniġġjar tar-Riskju tal-Konformità għall-Amministrazzjonijiet tat-Taxxa) prodott mill-Grupp tal-Proġett Nru 32 tal-Fiscalis, jekk ir-raġuni għan-nuqqas ta' konformità min-negozjanti tkun il-kumplessità ta' parti speċifika tal-leġiżlazzjoni fiskali, it-trattament possibbli jista' jkun li l-awtoritajiet tat-taxxa jipprovdu konsulenza bla ħlas lin-negozjanti jew inkella jissuġġerixxu bidla fil-leġiżlazzjoni biex titneħħa l-kumplessità.

18 Meta Stat Membru jibgħat dikjarazzjoni rikapitulattiva tal-VAT permezz tal-VIES, l-Istat Membru li jirċievi l-informazzjoni jibgħat lura messaġġ ta' żball li jelenka n-Numri ta' ID tal-VAT skorretti kollha li jinqabdu.

19 L-Italja (10 minn 10), l-Ungerija (7 minn 10 każijiet), il-Latvja (1 minn 10) u r-Renju Unit (10 minn 10).

20 Il-perjodu li warajh ma jkunx possibbli li tinġabar il-VAT, kif definit bil-leġiżlazzjoni fiskali tal-Istati Membri.

## 43

Il-Kummissjoni ma twettaqx żjarat ta' monitoraġġ fl-Istati Membri biex tivvaluta jekk huma adottawx "il-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li d-*data* mogħtija għall-identifikazzjoni tagħhom għal skopijiet ta' VAT hija kompleta u eżatta"[21]. Mingħajr żjarat bħal dawn huwa diffiċli li l-Kummissjoni timmonitorja titjib f'miżuri bħal dawn.

## 44

Il-VIES hija għodda utli ħafna għall-iskambju ta' *data* dwar provvisti intra-Komunitarji bejn l-Istati Membri. Madankollu, hemm dgħufijiet fl-użu tagħha mill-Istati Membri li kultant jaffettwaw l-affidabbiltà, l-eżattezza, il-kompletezza u l-puntwalità tad-*data* tal-VIES u għaldaqstant l-effettività tagħha fl-indirizzar tal-frodi.

### Kontrolli multilaterali huma għodda effettiva iżda qed jitwettqu inqas spiss

## 45

Żewġ Stati Membri jew aktar jistgħu jaqblu li jwettqu kontrolli koordinati tal-obbligazzjoni fiskali ta' negozjant wieħed jew aktar relatati, jekk iqisu li kontrolli bħal dawn ikunu aktar effettivi minn kontrolli mwettqa minn Stat Membru wieħed biss.

## 46

L-istħarriġ wera li 27 Stat Membru jqisu li kontrolli multilaterali (MLCs) huma għodda utli għall-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT. Madankollu, l-għodda mhijiex sfruttata bis-sħiħ u l-użu tagħha qed jonqos. L-istatistika tal-Kummissjoni turi li l-MLCs inizjati mill-Istati Membri naqsu minn 52 fl-2011, għal 42 fl-2012 u għal 33 biss fl-2013. L-MLCs spiss jimxu bil-mod: l-awditu tagħna wera li fil-biċċa l-kbira tal-każijiet dawn ma tlestewx fiż-żmien intenzjonat ta' sena. Barra minn hekk, il-mira tal-Kummissjoni li żżid iċ-ċifra bażi ta' MLCs inizjati b'7 %, jiġifieri sa 46, ma ntlaħqitx fl-2013. Dan juri li r-rakkomandazzjoni li saret mill-Kummissjoni, li l-għadd ta' MLCs inizjati mill-Istati Membri jiżdied għal madwar 75 fl-2014, ma kinitx realistika.

## 47

L-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Membri li nżaru ma għandhomx indikaturi tal-prestazzjoni, bl-eċċezzjoni tar-Renju Unit, li ssettja mira operazzjonali għall-ġbir tal-VAT li tirriżulta mill-parteċipazzjoni fl-MLCs. Stati Membri oħra ma jagħtux segwitu għall-irkupru tal-valutazzjonijiet tal-VAT li jsiru b'riżultat tal-MLCs li fihom huma jipparteċipaw, fatt li jnaqqas l-inċentivi għalihom biex iżidu l-parteċipazzjoni tagħhom fl-MLCs.

21 L-Artikolu 22 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010.

## Eurofisc: għodda promettenti li teħtieġ titjib

**48**
Il-Eurofisc huwa netwerk deċentralizzat ta' uffiċjali mill-amministrazzjonijiet doganali u tat-taxxa tal-Istati Membri, li f'qasir żmien jiskambjaw informazzjoni mmirata dwar kumpaniji u tranżazzjonijiet li possibbilment ikunu frodulenti. Hemm erba' oqsma ta' ħidma (WF) li attwalment qed joperaw fi ħdan il-Eurofisc (ara l-***Kaxxa 2***).

**49**
Il-Kummissjoni tipprovdi appoġġ tekniku u loġistiku lill-Eurofisc iżda ma tipparteċipax fl-operat ta' kuljum tal-Eurofisc u ma għandhiex aċċess għall-informazzjoni skambjata permezz tal-Eurofisc. L-uffiċjali ta' kollegament tal-Istati Membri li jipparteċipaw f'qasam ta' ħidma partikolari tal-Eurofisc għandhom esperjenza fil-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT. Huma jaħtru koordinatur minn fosthom għal qasam ta' ħidma tal-Eurofisc. Dan il-koordinatur jiġbor flimkien u jqassam l-informazzjoni riċevuta mill-uffiċjali ta' kollegament parteċipanti tal-Eurofisc.

**50**
Ladarba Stat Membru jkun ikkategorizza kumpanija bħala kumpanija intermedjarja, li tagħmel provvisti intra-Komunitarji fittizji jew reali lil negozjanti neqsin jew lil negozjanti f'falliment, l-informazzjoni relatata mas-sħab attwali u intenzjonati tagħha għandha tintbagħat, bla dewmien, permezz tal-Eurofisc sabiex dawn ikunu jistgħu jiġu identifikati, immonitorjati u, jekk meħtieġ, jitneħħew minnufih mir-reġistru. Inkella, l-abbiltà tal-Istati Membri li jindirizzaw il-frodi MTIC qabel ma din isseħħ tkun ristretta. Mingħajr mekkaniżmu ta' feedback veloċi dwar l-utilità tas-sinjali ta' frodi riċevuti, l-Istati Membri ma jistgħux itejbu l-kwalità tal-analiżi tar-riskju tagħhom.

**51**
L-istħarriġ tagħna wera li 27 Stat Membru jqisu li l-Eurofisc hija sistema effiċjenti ta' twissija bikrija għall-prevenzjoni tal-frodi, iżda huma xorta waħda indikaw id-dgħufijiet li ġejjin, li ġew ikkonfermati wkoll mit-testijiet tal-awditjar fl-Istati Membri: (i) il-feedback ma kienx frekwenti biżżejjed; (ii) id-*data* skambjata mhux dejjem kienet immirata tajjeb; (iii) mhux l-Istati Membri kollha jipparteċipaw fl-oqsma ta' ħidma kollha tal-Eurofisc; (iv) l-iskambji ta' informazzjoni mhumiex faċli għall-utent; u (v) l-iskambji ta' *data* jimxu bil-mod wisq.

**Kaxxa 2**

### L-oqsma ta' ħidma tal-Eurofisc

- WF 1: Frodi Intra-Komunitarja b'Negozjant Nieqes (MTIC).
- WF 2: Frodi li tikkonċerna mezzi ta' trasport (karozzi, dgħajjes u ajruplani).
- WF 3: Frodi konnessa mal-abbuż tal-proċedura doganali 42.
- WF 4: Osservatorju tal-frodi tal-VAT għal xejriet u żviluppi.

52
Fl-Istati Membri kollha li nżaru, l-ipproċessar tas-sinjali ta' frodi u l-proċess biex jittellgħu kienu fit-tul u diffiċli. L-eżaminar ta' kampjun ta' 20 sinjal ta' frodi għal kull Stat Membru li nżar ikkonferma li l-iskambju ta' informazzjoni huwa sa ċertu punt rudimentali, jimxi bil-mod, mhuwiex faċli għall-utent u jseħħ bl-użu ta' spreadsheets tal-Excel. Il-koordinatur tal-qasam ta' ħidma tal-Eurofisc jikkompila u jqassam manwalment dawn l-ispreadsheets fost l-uffiċjali ta' kollegament ta' kull Stat Membru li jipparteċipa fil-Eurofisc. Dan iġib miegħu ir-riskju li tiġi trażmessa informazzjoni inkompleta jew skorretta.

53
L-awditu tagħna wera li kull Stat Membru jwettaq l-analiżi tar-riskju proprju tiegħu. Ma hemm ebda kriterju jew sors ta' informazzjoni komuni biex titwettaq din l-analiżi tar-riskju. Barra minn hekk, il-feedback dwar l-utilità tad-*data* skambjata huwa skars. B'riżultat ta' dan, l-Istati Membri li jipparteċipaw f'oqsma differenti ta' ħidma spiss jiskambjaw informazzjoni li tinkludi negozjanti mhux dubjuzi, u b'hekk jaħlu r-riżorsi[22].

54
Ma hemm ebda indikaturi tal-kwalità għall-feedback ipprovdut/riċevut jew għall-puntwalità. Għalkemm tiġi pprovduta statistika dwar l-għadd ta' kumpaniji rrappurtati permezz tan-netwerk u l-klassifikazzjoni tagħhom f'diversi kategoriji, ma ġie stabbilit ebda indikatur tal-prestazzjoni ieħor mill-Istati Membri għall-valutazzjoni tal-effettività tal-oqsma ta' ħidma differenti tal-Eurofisc. Barra minn hekk, ma hemm ebda statistika globali disponibbli dwar il-puntwalità tal-feedback ipprovdut.

55
Ir-riżultati tat-testijiet kampjun imwettqa fl-Istati Membri li nżaru juru li l-biċċa l-kbira minnhom idumu aktar minn tliet xhur biex jipprovdu feedback għas-sinjali ta' frodi li jaslulhom. F'ħafna każijiet l-informazzjoni pprovduta mhijiex kompleta u, f'xi wħud, ma tiġix ipprovduta f'format standard, fatt li jwassal għal aktar dewmien fl-ipproċessar.

## Il-Kummissjoni tipprovdi assistenza siewja lill-Istati Membri iżda ma twettaqx żjarat fl-Istati Membri

56
L-Istati Membri u l-Kummissjoni jeżaminaw u jevalwaw kif jaħdmu l-arranġamenti ta' kooperazzjoni amministrattiva. Il-Kummissjoni tiġbor flimkien l-esperjenza tal-Istati Membri bl-għan li ttejjeb l-operat ta' dawk l-arranġamenti.

57
L-istħarriġ tagħna jindika li 25 wiġġieb minn 28 iqisu li l-Kummissjoni tipprovdi assistenza siewja lill-Istati Membri. Fit-12 ta' Frar 2014 il-Kummissjoni ppubblikat ir-rapport tagħha fejn evalwat il-kooperazzjoni amministrattiva[23]. Il-Kummissjoni enfasizzat li l-Istati Membri jistgħu biss jindirizzaw il-frodi tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa b'mod effettiv jekk jaħdmu flimkien, u li t-tisħiħ tal-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-amministrazzjonijiet tat-taxxa tal-Istati Membri huwa għalhekk objettiv ewlieni.

22 Għall-perjodu 2011-2014, ittellgħu total ta' 30 493 sinjal fid-WF 1 għal kumpaniji mmonitorjati. Mit-total tas-sinjali mtellgħin, l-Istati Membri mitluba ma pprovdewx feedback għal 11 028 (36 %). Mid-19 465 sinjal li kien fadal, 11 127 kumpanija (57 %) kienu kkwalifikati bħala negozjanti normali mingħajr ebda riskju ta' frodi. Fid-WF 3, ittellgħu 83 301 sinjal fl-2013, żieda ta' 80 % meta mqabbel mal-2012. Għalkemm l-għadd ta' skambji ta' informazzjoni żdied b'mod sinifikanti, l-immirar tal-informazzjoni naqas: kważi 83 % tan-negozjanti li ttellgħu fl-2013 ġew ikkwalifikati bħala mhux dubjużi, meta mqabbel ma' 70 % fl-2012.

23 COM(2014) 71 final tat-12 ta' Frar 2014.

**58**

Ir-rapport tal-Kummissjoni enfasizza oqsma fejn il-kooperazzjoni amministrattiva għadha tista' tiġi intensifikata. "B'mod ġenerali, għandu jkun hemm tweġiba aktar malajr għal talbiet għal informazzjoni, peress li d-dewmien fit-tweġibiet huwa kwistjoni kritika... il-feedback, mogħti spontanjament jew fuq talba, huwa apprezzat li għandu jiġi inkuraġġit fil-kuntest ta' kooperazzjoni tajba u tal-aħjar prattiki, billi dan huwa l-aħjar mod kif l-uffiċjali tat-taxxa jiġu infurmati li xogħolhom kien (sa ċertu punt) ta' benefiċċju".

**59**

Ir-rapport tal-Kummissjoni kien ibbażat, fost l-oħrajn, fuq kwestjonarju li hija bagħtet lill-Istati Membri. Madankollu, minn meta ġie ppubblikat sa meta sar l-awditu, ma twettqet ebda żjara lill-Istati Membri. Mingħajr żjarat fuq il-post lill-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Membri, il-Kummissjoni ma tistax tkun kompletament konxja dwar kif jaħdmu fil-fatt l-arranġamenti ta' kooperazzjoni amministrattiva u għalhekk ma tistax ittejjeb l-operat tagħhom b'mod effettiv.

### Informazzjoni riċevuta minn pajjiżi mhux tal-UE mhijiex qed tiġi skambjata bejn l-Istati Membri

**60**

Skont il-Liġi tal-UE, meta l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tirċievi informazzjoni minn pajjiż mhux tal-UE, hija tista' tgħaddi l-informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri li juru interess fiha u, f'kull każ, lil dawk kollha li jitolbuha[24].

**61**

Mill-wiġġieba, 13 biss iqisu li l-Istati Membri qed jużaw din-il-possibbiltà biex jiskambjaw informazzjoni riċevuta minn pajjiżi mhux tal-UE. Fl-istess ħin, disa' wiġġieba ssuġġerew li jiġi ffirmat arranġament ta' assistenza reċiproka mal-Istati Uniti dwar il-VAT, u tmien wiġġieba ssuġġerew li jsiru ftehimiet mat-Turkija u maċ-Ċina, fatt li jikkonferma l-importanza ta' informazzjoni bħal din.

**62**

Informazzjoni minn pajjiżi mhux tal-UE hija partikolarment rilevanti għall-infurzar tal-ġbir tal-VAT fuq servizzi diġitali u fuq oġġetti intanġibbli pprovduti minn postijiet remoti lil konsumaturi Ewropej, mingħajr preżenza fiżika diretta jew indiretta tal-fornitur fil-ġurisdizzjoni tal-konsumatur (ara l-paragrafi 90 sa 92).

24 L-Artikolu 50(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010.

## Fiscalis huwa strument importanti tal-UE għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni amministrattiva

### 63

L-UE stabbilixxiet programm ta' azzjoni pluriennali tal-UE, Fiscalis 2013, biex tiffinanzja inizjattivi minn amministrazzjonijiet tat-taxxa għat-titjib tal-operat tas-sistemi ta' tassazzjoni fis-suq intern. Reċentement, dan ġie estiż għall-2020[25]. Fiscalis 2013 kopra l-perjodu 2008-13 b'allokazzjoni ta' EUR 156.9 miljun, filwaqt li l-pakkett finanzjarju ddedikat għal Fiscalis 2020 jammonta għal EUR 223.4 miljun. Ir-Regolament li jistabbilixxi Fiscalis 2020 jiddefinixxi l-objettiv speċifiku mill-ġdid, u jqiegħed l-enfasi b'mod aktar ċar fuq l-appoġġ għall-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa, l-evażjoni tat-taxxa u l-ippjanar aggressiv tat-taxxa[26].

### 64

Aħna eżaminajna l-evalwazzjonijiet ta' nofs it-terminu[27] u dawk finali[28] tal-Programm Fiscalis 2013, l-output ta' ċerti Gruppi ta' Proġetti ta' Fiscalis, u intervistajna l-uffiċjali tal-Istati Membri inkarigati minn Fiscalis. F'kull Stat Membru li awditjajna, aħna għażilna kampjun ta' għodod ta' kooperazzjoni amministrattiva ffinanzjati minn Fiscalis: 20 skambju ta' informazzjoni fuq talba, 20 messaġġ ta' żball fil-VIES, 10 MLCs u 20 sinjal ta' frodi skambjati permezz tal-qasam ta' ħidma 1 tal-Eurofisc.

### 65

Għalkemm id-Deċiżjoni li tistabbilixxi l-Fiscalis 2013 iddikjarat li "l-programm ta' ħidma għandu jinkludi indikaturi għall-għanijiet speċifiċi tal-Programm", sa żmien l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu ma kien ġie stabbilit ebda indikatur mill-Kummissjoni. Tabilħaqq, l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu rrakkomandat li l-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema ta' monitoraġġ u evalwazzjoni bbażata fuq ir-riżultati, inkluż sett ta' indikaturi ewlenin tal-output u tal-eżiti u fejn possibbli, linji bażi u miri biex il-progress ikun jista' jitkejjel kull sena b'referenza għalihom. Il-Kummissjoni tabilħaqq stabbilixxiet sistema ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni iżda din saret operazzjonali biss f'April 2014 u l-istess kritika ġiet ripetuta fl-evalwazzjoni finali ta' Ġunju 2014.

### 66

Fin-nuqqas ta' ċifri bażi u ta' indikaturi, ma kienx possibbli li tiġi kkwantifikata l-effettività tal-programm Fiscalis 2013. Min-naħa l-oħra l-evidenza kwalitattiva rrappurtata fl-evalwazzjonijiet jew mill-prattikanti fl-Istati Membri li nżaru hija fil-biċċa l-kbira pożittiva. Pereżempju, skont l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu ta' Fiscalis 2013, il-parteċipanti fl-istħarriġ u dawk li ġew intervistati jqisu li l-Fiscalis jikkontribwixxi għal ġlieda aktar effettiva kontra l-frodi f'termini ta' inqas inċidenza ta' frodi, aktar detezzjoni ta' frodi u ammont akbar ta' taxxa miġbura wara d-detezzjoni ta' frodi (irkupru tat-taxxa). Madankollu, ebda waħda mill-ħames awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Membri li nżaru ma tkejjel l-eżitu tal-parteċipazzjoni tagħha f'Fiscalis f'dawn it-termini.

25 Id-Deċiżjoni Nru 1482/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2007 li tistabbilixxi programm Komunitarju sabiex itejjeb il-ħidma tas-sistemi ta' tassazzjoni fis-suq intern (Fiscalis 2013) u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 2235/2002/KE (ĠU L 330, 15.12.2007, p. 1). L-attivitajiet jinkludu sistemi ta' komunikazzjoni u ta' skambju ta' informazzjoni, MLCs, seminars u gruppi ta' proġetti, żjarat ta' ħidma, attivitajiet ta' taħriġ u attivitajiet simili oħra.

26 Ir-Regolament (UE) Nru 1286/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi programm ta' azzjoni biex jittejjeb it-tħaddim tas-sistemi ta' tassazzjoni fl-Unjoni Ewropea għall-perjodu 2014-2020 (Fiscalis 2020) u jirrevoka d-Deċiżjoni Nru 1482/2007/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 25).

27 http://ec.europa.eu/taxation_customs/resources/documents/common/publications/studies/fiscalis2013_mid_term_report_en.pdf.

28 http://ec.europa.eu/taxation_customs/resources/documents/common/publications/studies/fiscalis2013_final_evaluation.pdf.

## Il-finanzjament ta' għodod ta' kooperazzjoni amministrattiva

**67**
Madwar 22 % tal-baġit intuża għal azzjonijiet konġunti, li jikkonsistu f'MLCs, fi żjarat ta' ħidma, f'seminars u fi gruppi ta' proġetti u l-evalwazzjoni finali qieset li l-ispejjeż kienu "raġonevoli ħafna". L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu sabet li fil-livell ta' objettivi speċifiċi, il-Programm kien ikkontribwixxa "ferm" għat-titjib tal-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-amministrazzjonijiet nazzjonali tat-taxxa parteċipanti.

## L-iżgurar ta' infrastruttura adegwata tal-IT

**68**
Kważi 75 % tal-baġit kien iddedikat għal sistemi ta' komunikazzjoni u ta' skambju ta' informazzjoni. L-evalwazzjoni finali ħarset speċifikament lejn sistemi tal-IT, billi dawn ammontaw għal sehem tant kbir tal-infiq ta' Fiscalis 2013. Dawn l-ispejjeż tqiesu ġġustifikati minħabba fil-livelli għoljin ta' użu tagħhom. Barra minn hekk, il-partijiet interessati dehru "konvinti ħafna" mill-valur tagħhom. Fl-Istati Membri awditjati, l-utenti kienu ġeneralment pożittivi dwar is-sistemi tal-IT.

## It-trawwim ta' kompetenzi permezz tal-Gruppi ta' Proġetti ta' Fiscalis

**69**
Il-Gruppi ta' Proġetti ta' Fiscalis huma magħmula minn esperti mill-Istati Membri. Huma ħadmu, fost l-oħrajn, fuq l-aġġornament tal-Gwida ta' Prattika Tajba għall-indirizzar tal-frodi intra-Komunitarja tal-VAT[29]. L-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Membri huma sodisfatti bil-parteċipazzjoni tagħhom f'dawn il-gruppi u jemmnu li huma kkontribwixxew għad-disseminazzjoni ta' prattika amministrattiva tajba u żiedu t-tagħrif tal-liġi tat-taxxa tal-UE fost uffiċjali tat-taxxa. Aħna nqisu li r-rakkomandazzjonijiet tal-aħjar prattika li pproduċa l-Grupp tal-Proġett Nru 29 ta' Fiscalis[30] huma tajbin u użajnihom bħala l-bażi tal-mudell ta' kontroll tagħna għall-proċedura doganali 42 (ara l-***Anness III***).

**70**
Skont l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu, il-Programm Fiscalis ikkontribwixxa "ferm" biex l-uffiċjali tat-taxxa jkunu jistgħu jiksbu standard għoli ta' fehim tal-liġijiet tal-Unjoni u tal-implimentazzjoni tagħhom, b'mod partikolari fl-oqsma tal-VAT u tas-sisa. Il-Programm ikkontribwixxa wkoll "ferm ħafna" għall-iżvilupp ta' prattika amministrattiva tajba.

29 Il-Gwida ta' Prattika Tajba huwa ppubblikat fuq is-siti web tal-Istati Membri.

30 Il-Grupp tal-Proġett Nru 29 ta' Fiscalis dwar l-abbuż tar-regoli tal-VAT mal-importazzjoni.

## Il-leġiżlazzjoni tal-VAT ġiet adattata biex tindirizza l-frodi tal-VAT

**71**
Strateġija effettiva kontra l-frodi tal-VAT teħtieġ l-adozzjoni ta' miżuri leġiżlattivi pertinenti biex jindirizzaw il-frodi intra-Komunitarja tal-VAT. Fil-Komunikazzjoni tagħha fl-2008 l-Kummissjoni stipulat pjan ta' azzjoni dwar strateġija koordinata biex tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT fl-Unjoni Ewropea, li kienet tinkludi 11-il proposta leġiżlattiva[31] bil-għan li tissaħħaħ il-prevenzjoni tal-frodi tal-VAT[32], id-detezzjoni tal-frodi tal-VAT[33] u l-kapaċità tal-amministrazzjoni tat-taxxa biex tiġbor u tirkupra t-taxxi[34].

**72**
Ħafna minn dawn il-proposti ġew aċċettati mill-Kunsill, ħlief għar-responsabbiltà *in solidum* u r-responsabbiltà kondiviża għall-protezzjoni tad-dħul tal-Istati Membri kollha.

## Il-perjodu ta' rappurtar tad-dikjarazzjonijiet rikapitulattivi tal-VAT u ż-żmien għat-trażmissjoni tagħhom tnaqqsu

**73**
Waħda mill-proposti aċċettati[35] introduċiet il-preżentazzjoni obbligatorja ta' kull xahar ta' informazzjoni dwar provvisti intra-Komunitarja ta' oġġetti jekk it-tranżazzjonijiet totali jaqbżu s-soll ta' EUR 50 000, bil-ħsieb li l-frodi tinqabad aktar malajr. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jibqgħu jirrappurtaw kull tliet xhur għal provvisti ta' oġġetti taħt is-soll u għal provvisti ta' servizzi.

**74**
Il-Kummissjoni talbet lil kuntrattur estern biex jivvaluta l-impatt fuq in-negozji jekk id-dikjarazzjonijiet rikapitulattivi tal-VAT jinbidlu minn kull tliet xhur għal kull xahar, u l-possibbiltajiet għal sollijiet u derogi. L-istudju[36] wera li l-implimentazzjoni ma kinitx uniformi[37], li jwassal għal spejjeż żejda għan-negozji. Il-preżentazzjoni aktar frekwenti ta' dikjarazzjonijiet rikapitulattivi twassal għal spejjeż żejda għan-negozji, kemm ta' darba kif ukoll rikorrenti. Wieħed mis-sorsi ta' spejjeż huwa n-nuqqas ta' armonizzazzjoni mill-awtoritajiet tat-taxxa fid-diversi Stati Membri li rihom topera kumpanija. L-ispejjeż rikorrenti jirriżultaw meta l-proċedura ssir ta' kull xahar minflok ta' kull tliet xhur. Meta jkunu japplikaw dati ta' skadenza differenti għall-preżentazzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-VAT u tad-dikjarazzjonijiet rikapitulattivi, ikunu jinħtieġu aktar kontrolli. Barra minn hekk, obbligi ta' rappurtar differenti jfisser li ma jkunx hemm sitwazzjoni ekwa fost in-negozjanti li joperaw fis-suq intern.

**75**
L-Istati Membri kollha adattaw il-leġiżlazzjoni tal-VAT tagħhom għad-Direttiva dwar il-VAT. Madankollu, fil-Ġermanja, ir-riżultati tal-awditu wrew li għalkemm il-leġiżlazzjoni tal-VAT hija allinjata mad-Direttiva dwar il-VAT, in-negozjanti għadhom qed jippreżentaw dikjarazzjonijiet rikapitulattivi kull tliet xhur jew kull sena, minkejja li jaqbżu s-soll ta' EUR 50 000 għal dikjarazzjonijiet rikapitulattivi obbligatorji ta' kull xahar.

31 KUMM(2008) 807 finali tal-1 ta' Diċembru 2008 dwar strateġija koordinata biex tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT fl-Unjoni Ewropea.

32 Il-Kapitoli V u IX tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010, li jikkonċernaw il-VIES, il-Kapitolu 3 tat-Titolu XI tad-Direttiva dwar il-VAT, jiġifieri l-Artikolu 226, li jikkonċerna r-regoli dwar il-fatturazzjoni, u t-Titolu VI tad-Direttiva dwar il-VAT, li jikkonċerna l-impożizzjoni tal-VAT fuq tranżazzjonijet intra-Komunitarji.

33 Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/117/KE tas-16 ta' Diċembru 2008 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, sabiex tiġi miġġielda l-frodi fiskali marbuta ma' transazzjonijiet intra-Komunitarji (ĠU L 14, 20.1.2009, p. 7) li temenda l-Artikolu 263(1) tad-Direttiva dwar il-VAT u l-Artikolu 20 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010 għat-tnaqqis tas-skedi ta' żmien għall-ippreżentar u l-iskambju ta' informazzjoni dwar id-dikjarazzjonijiet rikapitulattivi; id-Direttiva tal-Kunsill 2009/69/KE tal-25 ta' Ġunju 2009 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud fir-rigward tal-evażjoni tat-taxxa marbuta mal-importazzjoni (ĠU L 175, 4.7.2009, p. 12) li temenda l-Artikolu 143 tad-Direttiva dwar il-VAT, il-Kapitolu V tar-Regolament (UE) Nru 904/2010, li jikkonċerna aċċess awtomatizzat għad-*data*, il-Kapitolu X tar-Regolament (UE) Nru 904/2010, li jikkonċerna l-Eurofisc.

34 Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud fir-rigward tal-evażjoni tat-taxxa marbuta ma' tranżazzjonijiet ta' importazzjoni u tranżazzjonijiet transkonfinali oħra, li tirrigwarda l-proposta għal obbligazzjoni *in solidum* (mhux adottata), id-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE tas-16 ta' Marzu 2010 dwar l-assistenza reċiproka għall-irkupru ta' talbiet relatati ma' taxxi, dazji u miżuri oħra (ĠU L 84, 31.3.2010, p. 1) li tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2012, u l-proposta għal

## Il-proċedura doganali 42: Il-biċċa l-kbira mir-rakkomandazzjonijiet tal-QEA ġew aċċettati mill-Kummissjoni iżda ma ġewx implimentati mill-Istati Membri

### 76

Il-proċedura doganali 42 (CP42) hija s-sistema li importatur juża sabiex jikseb eżenzjoni mill-VAT meta l-oġġetti impurtati jkunu se jiġu ttrasportati lejn Stat Membru ieħor. Il-VAT tkun dovuta fl-Istat Membru tad-destinazzjoni. Is-suċċess tal-proċedura doganali 42 jiddependi fuq:

(a) li l-importatur jipprovdi informazzjoni kompluta u valida dwar il-VAT[38] fid-dikjarazzjoni tal-importazzjoni;

(b) li l-awtoritajiet doganali jiċċekkjaw din l-informazzjoni qabel ma jirrilixxaw l-oġġetti u mbagħad jibagħtu l-informazzjoni lill-awtoritajiet tat-taxxa;

(c) li l-awtoritajiet tat-taxxa jqabblu din l-informazzjoni ma' dik inkluża fid-dikjarazzjoni rikapitulattiva tal-VAT ippreżentata mill-importatur;

(d) li l-informazzjoni fiha ssir disponibbli għall-awtoritajiet tat-taxxa ta' Stati Membri oħra li jużaw il-VIES; u

(e) li l-awtoritajiet tat-taxxa fl-Istat Membru tad-destinazzjoni jiżguraw li l-VAT tiġi imposta hemmhekk billi jqabblu d-dikjarazzjoni tal-VAT tal-akkwirent mal-informazzjoni disponibbli fil-VIES. Ara l-mudell ta' kontroll tal-QEA dwar il-proċedura doganali 42 fl-***Anness III***.

### 77

Bħala segwitu tal-awditu preċedenti tagħna dwar il-proċedura doganali 42[39] u biex jiġi ttestjat kif l-awtoritajiet tat-taxxa u doganali qed jikkooperaw ma' xulxin u ma' awtoritajiet ta' Stati Membri oħra, eż. bl-użu, meta meħtieġ, tal-Eurofisc WF3 (ara l-***Kaxxa 2***), u biex tiġi ċċekkjata l-kompletezza tad-*data* tal-VIES, aħna għażilna kampjun ibbażat fuq ir-riskju ta' 30 importazzjoni taħt il-proċedura doganali 42 għal kull Stat Membru li nżar. Aħna tajna segwitu wkoll għall-istatus tal-implimentazzjoni mill-Kummissjoni tar-rakkomandazzjonijiet tagħna li għamilna fir-Rapport Speċjali Nru 13/2011.

## Il-kontroverifiki bejn id-*data* doganali u d-*data* dwar il-VAT mhumiex effettivi fil-biċċa l-kbira mill-Istati Membri li nżaru

### 78

Informazzjoni nieqsa relatata ma' oġġetti importati taħt il-proċedura doganali 42 tista' twassal għal abbużi tal-proċedura u, konsegwentement, għal pagamenti insuffiċenti tal-VAT tal-Istati Membri. L-awditu attwali tagħna fl-Istati Membri wera nuqqas ta' kompletezza tad-*data* tal-VIES dwar importazzjonijiet taħt il-proċedura doganali 42. Aħna sibna li l-awtoritajiet doganali tal-Ġermanja u tar-Renju Unit ma jibagħtux *data* dwar l-importazzjonijiet taħt il-proċedura doganali 42 lill-awtoritajiet tat-taxxa. Aħna sibna wkoll li fil-Ġermanja, fl-Italja u fir-Renju Unit in-negozjanti ma jirrappurtawx separatament, fid-dikjarazzjoni rikapitulattiva tal-VAT, il-provvisti intra-Komunitarji suċċessivi wara importazzjonijiet taħt il-proċedura doganali 42.

responsabbiltà kondiviża għall-protezzjoni tad-Dħul kollu tal-Istati Membri li ma ġietx adottatta fir-Regolament dwar il-kooperazzjoni amministrattiva.

35 Id-Direttiva 2008/117/KE li temenda l-Artikolu 263(1) tad-Direttiva dwar il-VAT.

36 "Expert study on the issues arising from a reduced time frame and the options allowed for submitting recapitulative statements. Final report, 28 October 2011" (Studju espert dwar il-kwistjonijiet li jirriżultaw minn skeda ta' żmien iqsar u l-possibbiltajiet għall-preżentazzjoni tad-dikjarazzjonijiet rikapitulattivi. Rapport finali, it-28 ta' Ottubru 2011) (http://ec.europa.eu/taxation_customs/common/publications/studies/index_en.htm).

37 17-il Stat Membru implimentaw id-deroga biex jippreżentaw id-dikjarazzjonijiet rikapitulattivi kull tliet xhur u 10 għażlu li ma jimplimentawx id-deroga; 5 Stati Membri għamlu l-applikazzjoni għad-deroga obbligatorja u 12 għamluha fakultattiva; 2 Stati Membri għandhom dikjarazzjoni rikapitulattiva separata għall-oġġetti u s-servizzi u l-25 l-oħra għandhom dikjarazzjoni rikapitulattiva li tikkombina l-oġġetti u s-servizzi; 22 Stat Membru jeħtieġu ffajljar elettroniku (madankollu, b'10 eċċezzjonijiet). 5 jipprevedu ffajljar elettroniku fakultattiv.

38 L-Artikoli 143(2) u 85 sa 89 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, u l-Annessi II u III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 756/2012 tal-20 ta' Awwissu 2012 li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2454/93 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (ĠU L 223, 21.8.2012, p. 8).

39 Ir-Rapport Speċjali Nru 13/2011 tal-QEA.

## 79

Għalhekk l-awtoritajiet tat-taxxa ma jistgħux jikkontroverifikaw id-*data* doganali dwar importazzjonijiet taħt il-proċedura doganali 42 u d-dikjarazzjonijiet rikapitulattivi tal-VAT ippreżentati mill-importatur. Dawn il-kontroverifiki huma l-qofol biex jiġi żgurat li l-awtoritajiet tat-taxxa ta' Stati Membri oħra jkunu konxji mill-provvisti suċċessivi rispettivi ta' oġġetti, sabiex dawn ma jibqgħux mhux intaxxati fit-territorju tal-Istat Membru konsumatur tal-oġġetti. Fil-Latvja, kien hemm disponibbli kontroverifiki awtomatiċi iżda dawn ma pprevenewx każ ta' rappurtar insuffiċjenti fid-dikjarazzjoni rikapitulattiva tal-VAT[40].

## 80

Ir-riżultat tat-testijiet tal-awditjar li aħna wettaqna fl-Istati Membri magħżula wera każijiet ta' sottovalutazzjoni, ta' nuqqas ta' preżentazzjoni tad-dikjarazzjonijiet rikapitulattivi tal-VAT, ta' inklużjoni ta' Numri ta' IDs tal-VAT invalidi fid-dikjarazzjoni tal-importazzjoni u ta' tranżazzjonijiet trijangulari mhux irrappurtati. Huma biss 22 Stat Membru li jiskambjaw l-informazzjoni permezz tal-qasam ta' ħidma 3 tal-Eurofisc.

## 81

Minbarra fl-Italja, ma kienx isir iċċekkjar awtomatiku tan-numri tal-VAT fis-sistemi elettroniċi ta' kklerjar tal-Istati Membri li nżaru. Aħna ma sibna ebda evidenza li l-uffiċjali tad-dwana kienu vverifikaw il-validità tan-Numri ta' ID tal-VAT qabel ir-rilaxx tal-oġġetti għal ċirkulazzjoni libera[41]. Aħna ma sibna ebda evidenza ta' trasport ta' oġġetti lejn l-Istat Membru tad-destinazzjoni[42]. F'każ wieħed l-oġġetti pprovduti ma kinux identiċi għall-oġġetti importati. Kien biss fl-Ungerija li l-awtoritajiet doganali vverifikaw *ex post* li l-importatur kien issodisfa l-kundizzjonijiet kollha għall-eżenzjoni mill-VAT fir-rigward tat-30 importazzjoni kollha tal-kampjun magħżul.

## 82

L-Istituzzjoni Suprema tal-Awditjar Franċiża tqis[43] li n-nuqqas ta' sistema elettronika veloċi li tippermetti li jiġi vverifikat li l-eżenzjoni fid-Dwana fl-Istat Membru tal-importazzjoni tiġi kkumpensata b'tassazzjoni fl-Istat Membru tal-akkwist, hija l-kawża prinċipali tal-frodi tal-VAT fl-Ewropa.

## 83

Kawża importanti oħra ta' frodi hija s-sottovalutazzjoni u l-klassifikazzjoni skorretta ta' oġġetti importati. L-OLAF ikkoordina Operazzjoni Doganali Konġunta[44] (JCO) li tikkonċerna s-sottovalutazzjoni ta' tessuti u żraben miċ-Ċina. Huwa sab li 40 % tal-oġġetti rilaxxati għal ċirkulazzjoni libera taħt il-proċedura doganali 42 kienu sottovalutati. Fir-Renju Unit aħna sibna żewġ każijiet ta' importazzjonijiet sottovalutati taħt il-proċedura doganali 42, li kienu diġà ġew identifikati mill-HMRC b'riżultat tal-JCO tal-OLAF. L-HMRC stima li l-impatt fuq il-ġbir tal-VAT fir-Renju Unit huwa ta' GBP 0.5 miljun, u ta' GBP 10.6 miljun fi Stati Membri oħra. L-impatt stmat fuq il-ġbir doganali fir-Renju Unit jammonta għal GBP 81 miljun. Dawn l-impatti ġew stmati mill-HMRC għall-oġġetti kollha importati miż-żewġ negozjanti identifikati fil-kampjun f'perjodu ta' tliet snin.

40 Grupp ta' Proġetti ta' Fiscalis qed jindirizza l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet doganali u tat-taxxa u l-Kummissjoni aċċettat li terġa' tqis mill-ġdid il-kwistjoni tal-kontroverifiki bejn id-dikjarazzjonijiet doganali u d-dikjarazzjonijiet rikapitulattivi fid-dawl tar-rakkomandazzjoijiet li saru mill-Grupp ta' Proġetti ta' Fiscalis.

41 24 fil-Ġermanja, 30 fil-Latvja u 20 fir-Renju Unit.

42 13 fil-Ġermanja, 23 fl-Italja, 29 fil-Latvja, u 20 fir-Renju Unit.

43 *"L'action de La Douane dans la lutte contre les fraudes et trafics. Communication au Président de l'Assemblée nationale pour le Comité d'évaluation et de contrôle des politiques publiques. Janvier 2015".*

44 Prevista fil-Konvenzjoni ta' Napli II imfassla abbażi tal-Artikolu K.3 tat-Trattat tal-UE, dwar l-assistenza reċiproka u l-kooperazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet doganali.

**84**
Il-Kummissjoni aċċettat u implimentat 5 mis-7 rakkomandazzjonijiet li għamilna fir-rapport tagħna tal-2011. Madankollu, il-Kunsill ma adottax ir-rakkomandazzjoni li l-importatur jinżamm responsabbli *in solidum* għat-telf tal-VAT fl-Istat Membru tad-destinazzjoni (ara l-paragrafu 72).

**85**
It-titjib leġiżlattiv li sar mill-Kummissjoni fir-rigward tal-proċedura doganali 42 u s-segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tagħna fir-Rapport Speċjali Nru 13/2011 huma pożittivi iżda l-ġlieda kontra l-frodi hija ostakolata minn implimentazzjoni fqira u minn każijiet ta' nuqqas ta' konformità li nqabdu fl-Istati Membri matul l-awditu attwali.

## Reverse charge: għodda utli għall-ġlieda kontra l-frodi MTIC li mhijiex applikata b'mod konsistenti

**86**
Il-prinċipju tar-regola tar-reverse charge huwa li din tittrasferixxi r-responsabbiltà għal rendikont tal-VAT mill-fornitur għall-klijent. Dan ifisser li l-klijent, meta jkun identifikat bħala persuna taxxabbli, ikun responsabbli li jħallas il-VAT lill-awtoritajiet tat-taxxa minflok lill-fornitur. F'dan il-każ negozjant nieqes ma jkunx jista' jkun inadempjenti fil-ħlas lit-Teżor billi dan ma jiġborx il-VAT mingħand il-klijent tiegħu.

**87**
Ir-regola tar-reverse charge hija miżura temporanja li tista' tiġi applikata sa Diċembru 2018[45]. Din tiġi applikata biss f'ċirkustanzi speċifiċi għal ċerti setturi li huma vulnerabbli għal frodi karusell u ma għandhiex applikazzjoni ġenerali. Il-***Kaxxa 3*** turi xi eżempji ta' setturi li għalihom l-Istati Membri jistgħu japplikaw ir-reverse charge.

**88**
Aħna nqisu li r-reverse charge hija għodda utli għall-ġlieda kontra l-frodi meta tiġi applikata b'mod konsistenti mill-Istati Membri kollha għal dawn is-setturi riskjużi. Inkella, il-frodaturi jmorru fl-Istat Membru li fih ma tiġix applikata r-reverse charge, u b'hekk tiġi limitata l-kapaċità tal-indirizzar tal-frodi tal-VAT fil-livell tal-UE (Ara r-Rapport Speċjali Nru 6/2016 tal-QEA dwar l-integrità u l-implimentazzjoni tal-Iskema tal-UE għan-Negozjar ta' Emissjonijiet).

**89**
F'dan l-istadju, il-Kummissjoni ma tqisx li reverse charge ġeneralizzata, jiġifieri l-estensjoni tar-reverse charge għas-setturi kollha tal-ekonomija, tkun effettiva fil-ġlieda kontra l-frodi billi din tittrasferixxi l-frodi għall-fażi tal-bejgħ lill-konsumaturi, fejn ir-riskji ta' evażjoni tal-VAT huma ogħla. Ir-riżultati tal-istħarriġ tagħna jikkorroboraw dan billi wieħed biss mill-wiġġieba tal-istħarriġ issuġġerixxa applikazzjoni ġeneralizzata tar-reverse charge bħal din.

45 Id-Direttiva tal-Kunsill 2013/43/UE tat-22 ta' Lulju 2013 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, rigward applikazzjoni fakultattiva u temporanja tal-mekkaniżmu tar-reverse charge fir-rigward ta' fornimenti ta' ċerti prodotti u servizzi li jistgħu jkunu suġġetti għal frodi (ĠU L 201, 26.7.2013, p. 4).

Kaxxa 3

### Eżempji ta' setturi fejn ir-reverse charge tista' tiġi applikata

- Kostruzzjoni inklużi tiswija, tindif, manutenzjoni, alterazzjoni u servizzi ta' demolizzjoni.
- Trasferiment ta' kwoti għall-emissjoni ta' gassijiet serra.
- Fornimenti ta' tagħmir ta' ċirkwiti integrati bħal mikroproċessuri u unitajiet ta' proċessar ċentrali fl-istat ta' qabel l-integrazzjoni fi prodotti għall-użu finali.
- Forniment ta' gass u elettriku għal negozjant taxxabbli.
- Forniment ta' ċertifikati tal-gass u l-elettriku.
- Forniment ta' servizzi ta' telekominikazzjoni.
- Fornimenti ta' konsols tal-logħob, tablet PCs u laptops.
- Forniment ta' ċereali u għelejjel industrijali inklużi żrieragħ taż-żejt u pitravi taz-zokkor.
- Forniment ta' metalli mhux maħduma u dawk parzjalment maħduma, inklużi metalli prezzjużi.
- Forniment ta' telefowns ċellulari.
- Ċerti tipi ta' injam (zkuk maqtugħin, twavel, travi).

## Il-leġiżlazzjoni dwar il-kummerċ elettroniku ssegwi l-aħjar prattika internazzjonali iżda huwa diffiċli li tiġi infurzata

**90**
Provvisti remoti ta' servizzi u oġġetti intanġibbli jippreżentaw sfidi għas-sistemi tal-VAT, billi dawn spiss jirriżultaw f'ebda ġbir tal-VAT, jew inkella f'ammont ta' VAT miġbur li jkun baxx wisq. L-UE tapplika l-prinċipju tad-destinazzjoni għal provvisti transkonfinali ta' servizzi u oġġetti intanġibbli pprovduti elettronikament lil klijenti finali, min-Negozju għall-Konsumatur (B2C), skont l-aħjar prattiki internazzjonali identifikati mill-OECD.

**91**
Il-prinċipju tad-destinazzjoni jfisser li l-post tal-konsum għal provvisti transkonfinali ta' servizzi u proprjetà intanġibbli li jistgħu jiġu kkunsinnati minn post remot għal riċevitur privat mhux residenti, għandu jkun il-ġuriżdizzjoni li fih ir-riċevitur għandu r-residenza normali tiegħu[46].

46 L-OECD "Consumption Taxation of Cross-Border Services and Intangible Property in the Context of E-Commerce" (Tassazzjoni fuq il-Konsum ta' Servizzi u Propjretà Intanġibbli Transkonfinali fil-Kuntest tal-Kummerċ Elettroniku), 2001.

92
L-infurzar tar-regoli dwar il-kummerċ elettroniku huwa diffiċli u l-ġbir tal-VAT jinsab f'riskju jekk l-Istati Membri ma jkollhomx informazzjoni dwar servizzi B2C u dwar oġġetti intanġibbli pprovduti minn pajjiżi terzi permezz tal-internet. Skont il-Qorti tal-Awdituri Ġermaniża[47], fil-Ġermanja l-VAT miġbura minħabba l-provvista ta' servizzi elettroniċi B2C minn pajjiż terz ammontat għal EUR 23.7 miljun biss fl-2011 u naqset għal EUR 22.8 miljun fl-2012, filwaqt li l-kummerċ elettroniku jinsab f'fażi ta' espansjoni rapida. Għalhekk is-SAI Ġermaniża kkonkludiet li hemm ħafna negozjanti mhux irreġistrati.

## Nuqqas ta' kooperazzjoni u trikkib tal-kompetenzi tal-awtoritajiet amministrattivi, ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi fil-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT

93
Il-frodi tal-VAT spiss tkun marbuta mal-kriminalità organizzata. Ir-rikavat tal-frodi MTIC normalment jiġi investit mill-ġdid f'attivitajiet kriminali oħra. Dan jeħtieġ l-adozzjoni ta' approċċ komuni u multidixxiplinarju għall-indirizzar tal-frodi intra-Komunitarja tal-VAT. Skont ir-rappreżentanti tal-Europol[48], huwa stmat li EUR 40-60 biljun mit-telf ta' dħul mill-VAT kull sena jiġu kkawżati minn gruppi tal-kriminalità organizzata u li 2 % ta' dawn il-gruppi huma responsabbli għal 80 % tal-frodi MTIC.

94
Il-Kunsill Ewropew spiss ġibed l-attenzjoni għan-nuqqas ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet amministrattivi, ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi[49]. Din hija sfida għal ġlieda effettiva kontra l-frodi tat-taxxa.

## Nuqqas ta' skambju ta' *data* bejn l-awtoritajiet doganali u tat-taxxa, il-pulizija u l-awtoritajiet ta' prosekuzzjoni

95
Ma hemm ebda politika jew strateġija integrata fil-livell tal-UE għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-frodi. Ħafna drabi l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji jaħdmu indipendentement u spiss ħafna ma jinvolvux lill-Istati Membri kollha affettwati[50].

47 *Bundesrechnungshof, 2013 Bemerkungen – Weitere Prüfungsergebnisse Nr. 11 "Ausländische Internetanbieter zutreffend besteuern".*

48 Id-dikjarazzjoni tas-Sur Van Heuckelom fil-Konferenza dwar il-Frodi tal-VAT ospitata mill-MEP Ingeborg Grässle u mill-MEP Benedek Javor fl-4 ta' Frar 2015 fil-Parlament Ewropew fi Brussell (http://antikorrupcio.hu/en/vat-fraud-in-the-eu-member-states/).

49 Id-dokumenti tal-Kunsill Ewropew: 12623/5/13 tas-16 ta' Settembru 2013; 16071/1/14 tal-20 ta' Marzu 2015; u 9368/15 tal-1 ta' Ġunju 2015.

50 Laqgħa strateġika dwar il-frodi tal-VAT ospitata mill-Eurojust f'Marzu 2011, Cfr. Id-dokument tal-Kunsill 11570/11 tas-17 ta' Ġunju 2011.

## 96

Il-Kunsill Ewropew stabbilixxa Grupp ta' Ħidma dwar il-Kooperazzjoni Doganali (CCWP). Dan il-grupp ta' esperti jittratta xogħol li jirrigwarda l-kooperazzjoni operazzjonali fost amministrazzjonijiet doganali nazzjonali bil-ħsieb li jżid il-kapaċitajiet ta' infurzar tagħhom, u b'mod partikolari biex jidentifika l-ħtieġa għal mudelli ġodda ta' kooperazzjoni bejn aġenziji doganali u aġenziji oħra/operazzjonijiet doganali konġunti[51].

## 97

Dan il-Grupp ta' Ħidma kkonkluda li l-kooperazzjoni bejn id-Dwana u l-Pulizija u bejn l-Awtoritajiet doganali u tat-taxxa hija pjuttost tajba, iżda li għad fadal xi ostakli għall-kooperazzjoni. Dawk l-aktar importanti huma r-restrizzjonijiet fuq il-kondiviżjoni ta' informazzjoni, in-nuqqas ta' sistemi strutturati u ta' databases konnessi, informazzjoni li ma tkunx f'waqtha jew li tkun ta' kwalità baxxa, u n-nuqqas ta' feedback xieraq. Ir-rapport jenfasizza wkoll li hemm riskju rikorrenti ta' trikkib u ta' duplikazzjoni.

## 98

Mhux l-Istati Membri kollha jipparteċipaw fl-Oqsma ta' Ħidma kollha tal-Eurofisc (ara l-paragrafu 51). Il-Qasam ta' Ħidma 3 huwa ddedikat għall-frodi MTIC konnessa ma' importazzjonijiet taħt il-proċedura doganali 42. Hemm 22 Stat Membru involuti iżda huma l-awtoritajiet tat-taxxa li jipparteċipaw, aktar milli l-awtoritajiet doganali[52]. Mill-ħames Stati Membri li nżaru, kienu biss l-awtoritajiet doganali Ungeriżi u Taljani li pparteċipaw fil-Qasam ta' Ħidma 3.

## 99

L-awditu tagħna wera wkoll li l-awtoritajiet doganali tal-Ġermanja u tar-Renju Unit ma jibagħtux *data* dwar l-importazzjonijiet taħt il-proċedura doganali 42 lill-awtoritajiet tat-taxxa, u li fil-Ġermanja, fl-Italja u fir-Renju Unit in-negozjanti ma jirrappurtawx separatament, fid-dikjarazzjoni rikapitulattiva tal-VAT, il-provvisti intra-Komunitarji suċċessivi wara importazzjonijet taħt il-proċedura doganali 42 (ara l-paragrafu 78).

## 100

In-nuqqas ta' skambju ta' *data* bejn l-awtoritajiet doganali u tat-taxxa, il-pulizija u l-awtoritajiet ta' prosekuzzjoni jnaqqas l-effettività tal-ġlieda kontra l-frodi. Il-Belġju rnexxielu jnaqqas it-telf relatat mal-frodi b'85 % f'sentejn biss billi adotta approċċ "konġunt" b'kooperazzjoni aħjar bejn l-awtoritajiet li ppermetta li jkun hemm fokus fuq l-isfaxxar tal-organizzazzjonijiet aktar milli li n-negozjanti neqsin jitqiegħdu fil-mira[53].

51 Id-dokument tal-Kunsill 12978/14 tat-22 ta' Settembru 2014.

52 Rapport tas-CCWP jirrakkomanda li l-awtoritajiet doganali jkollhom rwol aktar attiv fil-Eurofisc WF 3. Ara d-dokument tal-Kunsill 16071/1/14 tal-20 ta' Marzu 2015.

53 Minn EUR 1.1 biljun fl-2001 għal EUR 159 miljun fl-2003. Sors: *Ondersteuningscel (BTW fraude) – Cellule de soutien (Fraude TVA)*. Ara r-"*Rapport annuel des Finances 2003*". Ara wkoll "*Fraude intracommunautaire à la TVA. Audit de suivi réalisé en collaboration avec les cours des comptes des Pays-Bas et d'Allemagne. Rapport de la Cour des comptes transmis à la Chambre des représentants*". Brussell, Settembru 2012.

## Il-Europol u l-OLAF ma għandhom ebda aċċess għall-VIES u għad-*data* tal-Eurofisc

**101**
La l-Europol u lanqas l-OLAF ma għandhom aċċess għad-*data* tal-Eurofisc. L-Istati Membri jinvokaw l-Artikoli 35 u 55 tar-Regolament Nru 904/2010 u r-regoli nazzjonali dwar is-segretezza fiskali biex jirrifjutaw dan l-aċċess. L-Oqsma ta' Ħidma 1-3 tal-Eurofisc jinvolvu l-iskambju ta' *data*. Dan mhuwiex il-każ għall-Qasam ta' Ħidma 4 tal-Eurofisc, li huwa osservatorju tal-frodi fejn jiġu studjati x-xejriet fil-frodi. Minkejja li ma jsir ebda skambju ta' *data*, il-Europol u l-OLAF ma għandhomx permess jaċċessaw din l-informazzjoni. Huma lanqas ma għandhom aċċess għall-VIES.

**102**
Għalkemm dan huwa skont ir-Regolament, inaqqas l-abbiltà tal-Europol u tal-OLAF biex jindirizzaw il-frodi tal-VAT permezz tal-identifikazzjoni u l-isfaxxar tal-gruppi tal-kriminalità organizzata li jkunu wara l-karuselli kif ukoll l-abbiltà tagħhom biex jivvalutaw l-impatt reali tal-frodi intra-Komunitarja tal-VAT.

**103**
It-trikkib tal-kompetenzi u n-nuqqas ta' kooperazzjoni effiċjenti u ta' skambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet amministrattivi, ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell internazzjonali, jostakolaw il-ġlieda kontra l-frodi intra-Komunitarja tal-VAT. Fl-2013 is-sitwazzjoni bejn il-Europol, il-Eurojust u l-OLAF ġiet deskritta bħala "xibka mħabbla" li tikkontribwixxi għan-nuqqas ta' rispons ikkoordinat għall-frodi[54].

## EMPACT: inizjattiva tajba iżda s-sostenibbiltà tagħha hija f'riskju

**104**
Fl-2010, l-UE stabbilixxiet ċiklu pluriennali tal-politika biex tiġġieled kontra kriminalità internazzjonali u organizzata serja[55], bl-għan li jkun hemm:

(a) kooperazzjoni effettiva bejn l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri, l-istituzzjonijiet tal-UE, l-Aġenziji tal-UE u oħrajn; u

(b) azzjoni operazzjonali koerenti u robusta li tkun immirata lejn it-theddid kriminali l-aktar urġenti li qed tiffaċċja l-UE.

**105**
Ibbażat fuq valutazzjoni tat-theddid imħejjija mill-Europol[56], rappreżentanti tal-Istati Membri ddefinixxew disa' oqsma prijoritarji inklużi l-Frodi tas-Sisa u l-frodi MTIC. Għal kull qasam prijoritarju l-Kunsill fassal pjan strateġiku pluriennali, li jkopri s-snin mill-2014 sal-2017. L-għan tal-pjan huwa l-isfaxxar tal-kapaċità tal-Gruppi tal-Kriminalità Organizzata (OCG) u tal-ispeċjalisti involuti fil-frodi tas-sisa u fil-frodi MTIC.

**106**
Il-pjan tal-2014 sal-2017 semma 10 vulnerabbiltajiet potenzjali. Minbarra li enfasizza l-livell għoli ta' kompetenza u l-flessibbiltà tal-OCGs, huwa wera li kien hemm nuqqas ta' kooperazzjoni sistemika bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u l-awtoritajiet tat-taxxa fil-livell nazzjonali u f'dak tal-UE. Huwa nnota wkoll ostakli legali li jimblukkaw l-iskambju ta' informazzjoni bejn il-Europol u l-Istati Membri rrappreżentati fil-Eurofisc.

54 House of Lords, it-12-il Rapport tas-Sessjoni 2012–2013 tal-Kumitat tal-Unjoni Ewropea "The Fight Against Fraud on the EU's Finances" (Il-Ġlieda Kontra l-Frodi fuq il-Finanzi tal-UE).

55 Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ħolqien u l-implimentazzjoni ta' ċiklu tal-politika tal-UE għall-kriminalità internazzjonali serja u organizzata, id-dokument 15358/10 COSI 69 ENFOPOL 298 CRIMORG 185 ENFOCUSTOM 94.

56 Valutazzjoni tat-Theddid Gravi tal-Kriminalità Organizzata (SOCTA) mwettqa fl-2013.

107
Il-pjan kien fih sitt għanijiet strateġiċi. Wieħed minn dawn l-għanijiet jikkonċerna l-kondiviżjoni tal-intelligence disponibbli fil-livell tal-UE dwar l-OCGs li jippreżentaw l-akbar theddida. Hemm trikkib ta' dawn l-azzjonijiet mal-informazzjoni li qed tiġi kondiviża dwar kumpaniji riskjużi taħt il-Eurofisc WF 1. Barra minn hekk, f'laqgħa tas-SCAC xi Stati Membri opponew li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jużaw il-Gwida ta' Prattika Tajba kollu, abbozzat mill-Grupp tal-Proġett Nru 82 ta' Fiscalis, biex jindirizzaw il-frodi intra-Komunitarja tal-VAT minħabba li l-biċċa l-kbira mill-kapitoli huma rilevanti għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa u mhux għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi.

108
Biex titkejjel il-kisba ta' kull għan, ġew żviluppati ċerti pjanijiet ta' azzjoni operazzjonali (OAPs) taħt l-umbrella tal-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali (EMPACT). L-Istati Membri kellhom jiffinanzjaw attivitajiet tal-OAP 2014 mill-baġits nazzjonali tagħhom. Ir-rapporti ta' progress dwar l-OAP 2014 juru li 2 mill-11-il azzjoni operazzjonali ma ġewx iffinalizzati u ġew posposti għall-2015 minħabba nuqqas ta' finanzjament. Dan in-nuqqas ta' finanzjament iqiegħed fir-riskju l-kisba tal-għanijiet tal-EMPACT u s-sostenibbiltà tal-OAPs.

109
Fl-2015, il-Kummissjoni allokat EUR 7 miljun għall-Europol biex tiffinanzja azzjonijiet operazzjonali fl-2015 u fl-2016. Madankollu, minħabba l-fatt li dan il-pakkett ikopri disa' oqsma prijoritarji, għadu mhuwiex ċert jekk dan huwiex se jiżgura s-sostenibbiltà finanzjarja tal-EMPACT fir-rigward tal-qasam prijoritarju tal-frodi MTIC.

## L-Istati Membri ma jaqblux mal-proposti li l-VAT tiġi inkluża fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni tal-Interessi Finanzjarji u tar-Regolament dwar l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew

110
F'Marzu 2011, f'laqgħa organizzata mill-Eurojust, esperti mill-Istati Membri kollha appellaw għal kooperazzjoni aktar effiċjenti bejn l-awtoritajiet amministrattivi, ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi fil-livell nazzjonali u internazzjonali[57]. Huma rrakkomandaw it-tfassil ta' regoli ta' ġuriżdizzjoni esklussiva għall-frodi intra-Komunitarja tal-VAT jew li l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati bħal dawn jiġu fdati lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE).

111
Madankollu, il-maġġoranza tal-Istati Membri ma jaqblux mal-proposta tal-Kummissjoni li l-VAT tiġi inkluża fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-frodi (id-Direttiva dwar il-PIF)[58] jew fir-Regolament li jistabbilixi UPPE. L-esklużjoni tal-VAT mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn il-proposti tkun tirrappreżenta pass kbir lura billi, kif reċentement fakkret il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja (il-kawża C-105/14 tat-8 ta' Settembru 2015, Taricco), il-frodi tal-VAT hija koperta mill-qafas legali attwali, jiġifieri, il-Konvenzjoni PIF[59] li għandha tiġi sostitwita bid-Direttiva dwar il-PIF. Barra minn hekk, ebda leġiżlazzjoni sekondarja ma pprovdiet lill-OLAF b'setgħat investigattivi fil-qasam tal-VAT.

57 Laqgħa strateġika dwar il-frodi tal-VAT ospitata mill-Eurojust f'Marzu 2011, Cfr. Id-dokument 11570/11 tas-17 ta' Ġunju 2011 tal-Kunsill tal-UE.

58 COM(2012) 363 final tal-11 ta' Lulju 2012 "Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-frodi li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali".

59 Il-Konvenzjoni tas-26 ta' Lulju 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej u ż-żewġ protokolli tagħha (l-Att tal-Kunsill tad-19 ta' Ġunju 1997 u l-Att tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 1996).

# Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet



## 112

Dan l-awditu indirizza l-mistoqsija dwar jekk l-UE hijiex qed tindirizza l-frodi intra-Komunitarja tal-VAT b'mod effettiv. Maġġoranza kbira tal-Istati Membri, li huma l-benefiċjarji prinċipali tad-dħul mill-VAT, esprimew sodisfazzjon bil-mod ta' kif ġiet stabbilita s-sistema attwali u japprezzaw il-benefiċċji mill-kooperazzjoni reċiproka. Madankollu, l-Istati Membri indikaw oqsma tas-sistema li jeħtieġu titjib ulterjuri. Barra minn hekk, l-awditu sab dgħufijiet importanti li jindikaw li s-sistema mhijiex effettiva biżżejjed. Jeħtieġ li dawn id-dgħufijiet jiġu indirizzati. Fil-passat, il-Kummissjoni pproponiet bosta miżuri leġiżlattivi li jippermettu li l-Istati Membri jtejbu l-qafas għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tat-taxxa tagħhom biex tiġi miġġielda l-frodi intra-Komunitarja tal-VAT[60], iżda l-Istati Membri għadhom ma aċċettawhomx kollha. Għaldaqstant, jinħtieġu inizjattivi leġiżlattivi ġodda u inizjattivi oħra bħalma huwa ssuġġerit fir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin:

### Kejl tal-effettività tas-sistema

## 113

In-nuqqas ta' *data* kumparabbli u n-nuqqas ta' indikaturi rilevanti adegwati għall-kejl tal-prestazzjoni tal-Istati Membri jaffettwaw b'mod avvers l-effettività tas-sistema tal-UE fl-indirizzar tal-frodi intra-Komunitarja tal-VAT (ara l-paragrafi 19 sa 25).

### Rakkomandazzjoni 1

Il-Kummissjoni għandha tibda sforz koordinat mill-Istati Membri biex tiġi stabbilita sistema komuni ta' stimar tad-daqs tal-frodi intra-Komunitarja tal-VAT, li tippermetti li l-Istati Membri jevalwaw il-prestazzjoni tagħhom f'termini ta' tnaqqis tal-inċidenza ta' frodi intra-Komunitarja tal-VAT, ta' żieda fid-detezzjoni ta' frodi u ta' żieda fl-irkupru tat-taxxa wara d-detezzjoni ta' frodi. Din is-sistema tista' tibni fuq il-prattiki li diġà jintużaw f'xi Stati Membri.

### Huwa kruċjali li jsiru kontroverifiki tad-data doganali mad-data dwar il-VAT

## 114

L-awditu wera li mhuwiex possibbli li jsiru kontroverifiki bejn l-importazzjonijiet taħt il-proċedura doganali 42 u d-dikjarazzjonijiet rikapitulattivi tal-VAT minħabba li l-awtoritajiet doganali ma jibagħtux din id-*data* lill-awtoritajiet tat-taxxa, u n-negozjanti mhumiex obbligati jirrappurtaw il-provvisti intra-Komunitarji separatament fid-dikjarazzjonijiet rikapitulattivi tal-VAT wara dawn l-importazzjonijiet. Barra minn hekk, mhux l-Istati Membri kollha jiskambjaw id-*data* dwar importazzjonijiet riskjużi taħt il-proċedura doganali 42 permezz tal-qasam ta' ħidma 3 tal-Eurofisc. (Ara l-paragrafi 76 sa 85).

### Rakkomandazzjoni 2

L-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri għandhom jibagħtu *data* dwar l-importazzjonijiet taħt il-proċedura doganali 42 lill-awtoritajiet tat-taxxa u jimplimentaw miżuri oħra tal-mudell ta' kontroll tagħna dwar il-proċedura doganali 42 (ara l-***Anness III***).

60 Pereżempju, il-proposta tal-Kummissjoni tal-20.7.2004 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar għajnuna amministrattiva reċiproka għall-ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-Komunità kontra l-frodi u kwalunkwe attività illegali oħra (il-proposta KUMM(2004) 509 emendata bil-proposta COM(2006) 473 finali).

### Rakkomandazzjoni 3

Il-Kummissjoni għandha tipproponi emendi leġiżlattivi li jippermettu li jsiru kontroverifiki effettivi bejn id-*data* doganali u d-*data* fiskali.

## Titjib tas-sistema ta' twissija bikrija tal-Eurofisc biex negozjanti b'riskju għoli jkunu aktar fil-mira

**115**

L-Istati Membri jqisu li l-Eurofisc hija sistema ta' twissija bikrija effiċjenti, iżda lmentaw li l-iskambju ta' informazzjoni mhijiex faċli għall-utent, l-iskambji ta' *data* jimxu bil-mod, u mhux dejjem ikunu mmirati tajjeb. L-awditu fi Stati Membri magħżula sab ukoll li l-ipproċessar tad-*data* u l-aċċess għal informazzjoni kien proċess twil u diffiċli, li jiddependi fuq spreadsheets tal-Excel li jitqassmu lill-uffiċjali ta' kollegament tal-Istati Membri, bir-riskju li tiġi trażmessa informazzjoni inkompleta jew skorretta. Il-feedback spiss jingħata lill-pajjiż ta' oriġini b'dewmien sostanzjali (ara l-paragrafi 48 sa 55).

### Rakkomandazzjoni 4

Il-Kummissjoni għandha tirrakkomanda li l-Istati Membri:

(a) jintroduċu analiżi komuni tar-riskju li tinkludi l-użu ta' Analiżi tan-Netwerks Soċjali biex jiġi żgurat li l-informazzjoni skambjata permezz tal-Eurofisc tkun immirata tajjeb fuq il-frodi;

(b) itejbu l-veloċità u l-frekwenza ta' dawn l-iskambji ta' informazzjoni;

(c) jużaw ambjent tal-IT li jkun affidabbli u faċli għall-utent għal dawn l-iskambji ta' informazzjoni;

(d) jistabbilixxu indikaturi u miri rilevanti biex titkejjel il-prestazzjoni tal-Oqsma ta' Ħidma differenti; u

(e) jipparteċipaw fl-Oqsma ta' Ħidma kollha tal-Eurofisc.

## Titjib tal-qafas legali eżistenti

**116**

Il-proposta tal-Kummissjoni dwar obbligazzjoni *in solidum* f'każijiet ta' kummerċ transkonfinali ma ġietx adottata mill-Kunsill. Dan inaqqas id-deterrenza kontra l-kummerċ ma' negozjanti frodulenti. L-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-VAT fir-rigward tal-perjodu ta' preżentazzjoni tad-dikjarazzjonijiet rikapitulattivi mhijiex uniformi fost l-Istati Membri, u b'hekk dan iżid il-piż amministrattiv fuq negozjanti li joperaw f'aktar minn Stat Membru wieħed (ara l-paragrafi 73 sa 75).

### Rakkomandazzjoni 5

Il-Kunsill għandu japprova l-proposta tal-Kummissjoni dwar obbligazzjoni *in solidum*.

### Rakkomandazzjoni 6

Il-Kummissjoni għandha tipproponi li d-Direttiva dwar il-VAT tiġi emendata bil-ħsieb li tinkiseb armonizzazzjoni ulterjuri tal-obbligi ta' rappurtar dwar il-VAT, tal-Istati Membri, għal provvisti intra-Komunitarji ta' oġġetti u servizzi.

**117**
L-evidenza turi li mal-introduzzjoni ta' reverse charge fi Stat Membru wieħed jew aktar, il-frodaturi jmorru fl-Istat Membru fejn ir-reverse charge ma tiġix applikata. (Ara l-paragrafi 86 sa 89).

### Rakkomandazzjoni 7

Il-Kummissjoni għandha tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jikkoordinaw aħjar il-politiki tagħhom dwar ir-reverse charges, kif sar diġà, pereżempju, fl-iskema għan-negozjar ta' emissjonijiet.

## Titjib tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni amministrattiva

**118**
Il-Kummissjoni pproponiet bosta miżuri leġiżlattivi li jippermettu li l-Istati Membri jistabbilixxu qafas adegwat għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tat-taxxa tagħhom biex tiġi miġġielda l-frodi intra-Komunitarja tal-VAT, iżda l-użu tagħhom fost l-Istati Membri għadu baxx u jeħtieġ li xi wħud minnhom jissaħħu jew jiġu applikati b'mod aktar konsistenti (ara l-paragrafi 26 sa 47 u 56 sa 70).

### Rakkomandazzjoni 8

Fil-kuntest tal-evalwazzjoni tagħha tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni amministrattiva, il-Kummissjoni għandha twettaq żjarat ta' monitoraġġ fl-Istati Membri magħżula fuq bażi ta' riskju. Dawn iż-żjarat ta' monitoraġġ għandhom jiffukaw fuq it-titjib tal-puntwalità tar-risposti tal-Istati Membri għal talbiet għal informazzjoni, l-affidabbiltà tal-VIES, il-veloċità tal-Kontrolli Multilaterali, u s-segwitu għas-sejbiet tar-rapporti preċedenti tagħha dwar il-kooperazzjoni amministrattiva.

### Rakkomandazzjoni 9

L-Istati Membri li għadhom ma għamlux dan, għandhom jimplimentaw Numru ta' Identifikazzjoni tal-VAT *fuq żewġ livelli* (Numru ta' Identifikazzjoni tal-VAT allokat lil negozjanti li jixtiequ jkunu involuti f'kummerċ intra-Komunitarju li jkun differenti min-Numru ta' Identifikazzjoni tal-VAT domestiku) u jwettqu l-kontrolli previsti fl-Artikolu 22 tar-Regolament Nru 904/2010 filwaqt li jipprovdu konsulenza bla ħlas lin-negozjanti.

### Rakkomandazzjoni 10

L-Istati Membri għandhom jibagħtu avviżi ta' tqegħid fil-mora lil negozjanti involuti fi ktajjen frodulenti biex jiffaċilitaw l-applikazzjoni tal-Każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE (QtĠ-UE) fil-Każijiet Kittel/Mecsek u jirrifjutaw jew id-dritt għal tnaqqis tat-taxxa fuq ix-xiri jew inkella d-dritt għal provvista b'rata żero, ibbażat fuq il-fatt li n-negozjant kien jaf jew kellu jkun jaf li t-tranżazzjonijiet tiegħu kienu konnessi ma' telf frodulenti ta' taxxa.

**119**
L-Istati Membri jeħtieġu informazzjoni minn pajjiżi mhux tal-UE biex jinfurzaw il-ġbir tal-VAT fuq servizzi B2C permezz tal-kummerċ elettroniku u fuq prodotti intanġibbli pprovduti permezz tal-internet. (Ara l-paragrafi 90 sa 92).

### Rakkomandazzjoni 11

Biex isaħħu l-kooperazzjoni ma' pajjiżi mhux tal-UE u jinfurzaw il-ġbir tal-VAT fuq servizzi B2C permezz tal-kummerċ elettroniku u fuq prodotti intanġibbli pprovduti minnhom, l-Istati Membri għandhom:

(a) jawtorizzaw lill-Kummissjoni biex tinnegozja Arranġamenti ta' Assistenza Reċiproka mal-pajjiżi fejn il-biċċa l-kbira mill-fornituri ta' servizzi diġitali huma stabbiliti, u biex tiffirma dawn l-arranġamenti; u

(b) għal dawk l-Istati Membri li jappartjenu għall-OECD, jiffirmaw u jimplimentaw il-Konvenzjoni tal-OECD dwar l-Assistenza Amministrattiva (Reċiproka) fil-Qasam Fiskali sabiex jiskambjaw informazzjoni dwar fornituri ta' servizzi diġitali ma' pajjiżi terzi.

## Titjib tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet amministrattivi, ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi

**120**
Il-frodi intra-Komunitarja tal-VAT spiss hija marbuta ma' strutturi kriminali organizzati. Dan jindika l-ħtieġa li jiġi adottat approċċ komuni u multidixxiplinarju aħjar biex tiġi indirizzata l-frodi intra-Komunitarja tal-VAT. Madankollu, hemm għadd ta' awtoritajiet u korpi b'kompetenzi li jikkoinċidu, li jiġġieldu kontra l-frodi intra-Komunitarja tal-VAT, u li mhumiex qed jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni bis-sħiħ ma' xulxin minħabba limitazzjonijiet legali (ara l-paragrafi 93 sa 102).

### Rakkomandazzjoni 12

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jeliminaw ostakli legali li jipprevienu l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet amministrattivi, ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi fil-livell nazzjonali u f'dak tal-UE. B'mod partikolari, l-OLAF u l-Europol għandu jkollhom aċċess għad-*data* tal-VIES u tal-Eurofisc u l-Istati Membri għandhom jibbenefikaw mill-informazzjoni ta' intelligence li huma jipprovdu.

## 121

Wieħed mill-elementi eżistenti ta' approċċ multidixxiplinarju fil-livell tal-UE huwa l-Pjanijiet ta' Azzjoni Operazzjonali (OAPs) stabbiliti mill-Istati Membri u ratifikati mill-Kunsill taħt l-umbrella tal-inizjattiva EMPACT, li jkopru l-perjodu 2014-17. Madankollu, il-vijabbiltà u s-sostenibbiltà tal-OAPs jinsabu f'riskju minħabba f'nuqqas ta' finanzjament mill-UE (ara l-paragrafi 104 sa 109).

### Rakkomandazzjoni 13

Il-Kummissjoni għandha tiżgura s-sostenibbiltà tal-OAPs taħt l-inizjattiva EMPACT billi tipprovdi biżżejjed riżorsi finanzjarji.

## 122

Il-frodi tal-VAT tista' ma tiġix ikkastigata minħabba f'kunflitti negattivi ta' ġurisdizzjoni jekk id-Direttiva dwar il-PIF u r-Regolament tal-UPPE ma jinkludux il-VAT fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom (ara l-paragrafi 110 sa 111). Il-frodi tal-VAT tista' ma tiġix ikkastigata wkoll minħabba f'perjodi ta' limitazzjoni qosra wisq, kif enfasizzat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha tat-8 ta' Settembru 2015 (il-kawża C-105/14 Taricco). Kif ġie deċiż mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE, il-frodi tal-VAT taffettwa l-interessi finanzjarji tal-UE.

### Rakkomandazzjoni 14

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom:

(a) jinkludu l-VAT fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva proposta dwar il-ġlieda kontra l-frodi li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (id-Direttiva dwar il-PIF) u tar-Regolament dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew; u

(b) jagħtu kompetenzi ċari u għodod lill-OLAF biex jinvestiga l-frodi intra-Komunitarja tal-VAT.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija mis-Sur Milan Martin CVIKL, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tal-15 ta' Diċembru 2015.

*Għall-Qorti tal-Awdituri*



Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA
*President*

## Approċċ tal-awditjar fil-livell tal-Kummissjoni

Aħna wettaqna l-awditu fil-Kummissjoni f'żewġ stadji, stadju ta' tħejjija u x-xogħol tal-awditjar fuq il-post.

1 Matul l-istadju ta' tħejjija, wettaqna żjarat ta' ġbir ta' informazzjoni fid-DĠ Tassazzjoni u Unjoni Doganali u fl-OLAF. Aħna ddiskutejna l-metodoloġija tal-awditjar (mistoqsijiet, kriterji u standards tal-awditjar), inkluża l-metodoloġija tal-awditjar fl-Istati Membri, u rċevejna l-feedback u s-suġġerimenti tal-Kummissjoni. Id-DĠ Tassazzjoni u Unjoni Doganali ta aċċess lill-awdituri għad-database prinċipali dwar l-importazzjonijiet, id-database websurveillance 2. Aħna ddiskutejna r-rwoli u l-isfidi prinċipali ta' kull DĠ fil-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT u ġbarna d-dokumenti rilevanti.

Aħna eżaminajna informazzjoni pertinenti dwar il-prestazzjoni, bħad-dikjarazzjoni ta' attività tad-DĠ Tassazzjoni u Unjoni Doganali li takkumpanja l-abbozz preliminari tal-baġit għall-2013 u r-Rapport Annwali tal-Attività 2013 tad-DĠ Tassazzjoni u Unjoni Doganali, flimkien mal-istatus tal-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-UE kontra l-frodi tal-VAT u r-rapporti tal-Kummissjoni għall-2014 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tal-VAT u dwar l-effettività tal-ġbir tal-VAT.

Aħna wettaqna wkoll żjarat ta' ġbir ta' informazzjoni għand il-presidenza tal-Eurofisc, għand il-Europol u għand il-Eurojust, fejn ippreżentajna l-awditu, iddiskutejna r-rwoli, ir-responsabbiltajiet u l-isfidi rispettivi tagħhom fil-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT, u ġbarna d-dokumenti u l-informazzjoni rilevanti.

Aħna għamilna żjara ta' ġbir ta' informazzjoni fl-OECD u ddiskutejna mistoqsijiet rilevanti għall-awditu, bħall-proporzjon tal-introjtu mill-VAT, l-assistenza reċiproka u l-iskambji ta' informazzjoni dwar kwistjonijiet tat-taxxa, il-frodi b'negozjant nieqes, l-MLCs, l-awditi konġunti, u t-tassazzjoni ta' servizzi u prodotti intanġibbli pprovduti diġitalment (kummerċ elettroniku). Aħna eżaminajna r-rapporti u l-linji gwida l-aktar reċenti tal-OECD li huma rilevanti għall-VAT.

Aħna eżaminajna u ddiskutejna, mar-rappreżentanti tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-VAT tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-UE, l-attivitajiet tal-awditjar tagħhom relatati mal-VAT, kemm dawk l-aktar reċenti, kif ukoll dawk li għadhom għaddejjin.

2 Matul ix-xogħol tal-awditjar fuq il-post aħna ppreżentajna r-riżultati tal-istħarriġ fl-Istati Membri lill-Kummissjoni. Aħna ppreżentajna wkoll il-kwestjonarju ġenerali indirizzat lill-Kummissjoni. Dan il-kwestjonarju ġenerali kien jittratta l-iżviluppi attwali u ġabar evidenza tal-attivitajiet tal-Kummissjoni fl-oqsma tal-kooperazzjoni amministrattiva, tas-segwitu għar-Rapport Speċjali tagħna dwar il-proċedura doganali 42, tar-reverse charge, tal-kummerċ elettroniku u tal-effettività tal-ġbir tal-VAT, inkluża l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet amministrattivi, ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi fost l-Istati Membri u l-korpi Ewropej. Dan il-kwestjonarju ġenerali rrispondew għalih id-DĠ Baġit, id-DĠ Migrazzjoni u Affarijiet Interni, id-DĠ Ġustizzja u Konsumaturi, l-OLAF u d-DĠ Tassazzjoni u Unjoni Doganali.

Biex nivvalutaw l-effettività tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet amministrattivi, ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi aħna indirizzajna lill-Kunsill u eżaminajna d-dokumenti prinċipali tiegħu fir-rigward tal-EMPACT, l-OAPs u l-proċedura doganali 42.

Aħna bgħatna t-tieni kwestjonarju lid-DĠ Tassazzjoni u Unjoni Doganali biex nivverifikaw jekk il-Kummissjoni kinitx tat segwitu b'mod debitu lit-traspożizzjoni, mill-Istati Membri, tad-diversi emendi għad-Direttiva dwar il-VAT li jindirizzaw il-frodi tal-VAT.

Aħna ddiskutejna, mad-DĠ Tassazzjoni u Unjoni Doganali, il-metodoloġija segwita mill-kuntrattur tal-Kummissjoni fl-istudji disponibbli biex jagħmel stima tad-diskrepanza fil-VAT. Aħna bgħatna wkoll it-tielet kwestjonarju lid-DĠ Tassazzjoni u Unjoni Doganali biex nivvalutaw din il-metodoloġija u staqsejna mis-toqsijiet rilevant dwar dan is-suġġett lill-awtoritajiet tat-taxxa tal-Italja, tal-Latvja u tar-Renju Unit.

Fl-OLAF aħna ġbarna evidenza għall-awditjar fir-rigward tal-JCOs rilevanti u l-investigazzjonijiet dwar il-proċedura doganali 42 u s-sottovalutazzjoni.

Fl-Istati Membri li nżaru aħna intervistajna l-uffiċjali ta' kollegament tal-Fiscalis. Aħna eżaminajna wkoll ir-rapporti ta' nofs it-terminu u r-rapporti finali dwar l-evalwazzjoni tal-Fiscalis 2013, flimkien mal-output tal-Gruppi ta' Proġetti tal-Fiscalis li huwa rilevanti għall-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT, u fl-Istati Membri li nżaru wettaqna testijiet fuq kampjun ta' għodod amministrattivi ffinanzjati mill-Fiscalis (ara l-***Anness II***).

## Approċċ tal-awditjar fil-livell tal-awtoritajiet doganali u tat-taxxa fl-Istati Membri

Aħna wettaqna wkoll l-awditu fl-Istati Membri f'żewġ stadji, stadju ta' tħejjija u x-xogħol tal-awditjar fuq il-post.

1 Matul l-istadju ta' tħejjija bgħatna stħarriġ lill-Uffiċjali Ċentrali ta' Kollegament tat-28 Stat Membru kollha li huma inkarigati mill-kooperazzjoni amministrattiva. B'dan l-istħarriġ aħna sirna nafu l-fehmiet tal-Istati Membri dwar l-effettività tal-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tal-indirizzar tal-frodi tal-VAT relatata ma' tranżazzjonijiet intra-Komunitarji.

Aħna eżaminajna wkoll ir-rapporti annwali tal-attività tal-Eurofisc li kienu disponibbli, l-istatistika dwar il-kooperazzjoni amministrattiva, is-sinjali ta' frodi tal-Eurofisc, il-messaġġi O_MCTL u l-importazzjonijiet taħt il-proċedura doganali 42.

2 Matul ix-xogħol tal-awditjar fuq il-post, aħna żorna l-awtoritajiet doganali u tat-taxxa tal-Ġermanja, l-Ungerija, l-Italja, il-Latvja u r-Renju Unit, u intervistajna lill-Uffiċjali Ċentrali ta' Kollegament u lil awtoritajiet oħra inkarigati mill-VIES, mill-Eurofisc, mill-Fiscalis u mill-MLCs, bl-użu ta' kwestjonarju biex għall-ġbir ta' evidenza dwar dawn l-oqsma.

F'kull Stat Membru aħna għażilna kampjun ta' reġistrazzjonijiet fil-VIES, ta' għodod tal-kooperazzjoni amministrattiva u ta' tranżazzjonijiet intra-Komunitarji. Intagħżel total ta' 110 partita f'kull Stat Membru, bl-approċċ li ġej:

(a) biex jiġi vverifikat jekk il-VIES tissodisfax ir-rekwiżiti ta' kompletezza, eżattezza u puntwalità stabbiliti fl-Artikoli 22 u 23 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 904/2010, aħna għażilna żewġ kampjuni:

   (i) kampjun aleatorju ta' messaġġi O_MCTL mibgħuta (10) u riċevuti (10) mill-Istat Membru fl-ewwel nofs tal-2014; u

   (ii) kampjun aleatorju ta' 10 fajls ta' negozjanti rreġistrati fil-VIES għall-ewwel darba fl-2013;

(b) biex jiġu vverifikati kemm l-effettività tal-iskambji ta' informazzjoni fuq talba kif ukoll il-konformità tagħhom mal-Artikoli 7 sa 12, aħna għażilna kampjun aleatorju ta' talbiet mis-SCAC mibgħuta (10) u riċevuti (10) fl-2013;

(c) biex jiġi ċċekkjat kemm hija effettiva l-kooperazzjoni tal-Istati Membri ma' xulxin u l-konformità tagħhom mal-Artikoli 29 u 30, aħna għażilna kampjun, ibbażat fuq ir-riskju, ta' ħames MLCs fejn l-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istat Membru li nżar ħadu l-inizjattiva, u ħames MLCs fejn l-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istat Membru li nżar ipparteċipaw fuq talba ta' Stati Membri oħra. Il-kampjun kien jirreferi għas-sena 2013 u, jekk id-daqs minimu tal-kampjun ma ntlaħaqx, għas-snin preċedenti u ta' wara;

(d) biex tiġi ċċekkjata l-effettività tal-Eurofisc WF1 aħna għażilna kampjun, ibbażat fuq ir-riskju, ta' 10 sinjali ta' frodi, mibgħuta u riċevuti minn kull Stat Membru li nżar fl-2013; u

(e) bħala segwitu tal-awditu preċedenti tagħna dwar il-proċedura doganali 42 u biex jiġi ttestjat kif l-awtoritajiet doganali u dawk tat-taxxa qed jikkooperaw ma' xulxin u ma' awtoritajiet oħra tal-Istati Membri, eż. bl-użu, meta meħtieġ, tal-Eurofisc WF3, u biex tiġi ċċekkjata l-kompletezza tad-*data* tal-VIES, aħna għażilna kampjun, ibbażat fuq ir-riskju, ta' 30 importazzjoni taħt il-proċedura doganali.

Fl-aħħar nett, aħna eżaminajna r-rapporti disponibbli ta' awditi dwar il-Eurofisc imwettqa mill-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-Ġermanja, tal-Ungerija u tal-Awstrija.

Anness III

## Il-mudell ta' kontroll tal-QEA fuq il-proċedura doganali 42

Dan il-mudell ta' kontroll ġie adottat mill-Qorti fir-Rapport Speċjali Nru 13/2011 tagħha.

1 Indikazzjoni obbligatorja, fil-kaxxa 44 tad-DAU, ta' Numru ta' Identifikazzjoni validu tal-VAT, kemm tal-importatur (jew tar-rappreżentant fiskali tiegħu) u kemm tal-klijent jew tal-importatur innifsu fil-każ ta' trasferimenti fl-Istat Membru tad-destinazzjoni. Verifikazzjoni VIES tal-validità ta' dawn in-Numri ta' Identifikazzjoni tal-VAT qabel ir-rilaxx tal-oġġetti għal ċirkulazzjoni ħielsa. Inkella, il-VAT tiġi dovuta mal-importazzjoni.

2 Referenza għall-evidenza tat-trasport intenzjonat lill-Istat Membru tad-destinazzjoni, eż. in-Numru tad-dokument tat-trasport u l-kodiċi tal-pajjiż tad-destinazzjoni jintwerew, rispettivament, fil-kaxex Numru 44 u 17(a) tad-DAU. Inkella d-dikjarazzjoni doganali għandha tiġi kkoreġuta.

3 L-awtoritajiet doganali jivverifikaw *ex post*, bl-użu ta' tekniki xierqa ta' ġestjoni tar-riskju, li t-trasport lill-Istat Membru tad-destinazzjoni indikat fil-kaxxa 17(a) tad-DAU verament seħħ ftit wara l-importazzjoni, li l-oġġetti pprovduti lill-Istat Membru tad-destinazzjoni huma l-istess bħall-oġġetti importati, li l-importatur u l-fornitur tal-oġġetti huma l-istess persuna, u li l-valutazzjoni doganali u l-ammont taxxabbli tal-VAT huma korretti. Jekk ir-rekwiżiti ta' hawn fuq ma jiġux issodisfati, il-VAT tiġi rkuprata *ex post*. Fejn ikun hemm dikjarazzjoni insuffiċjenti tal-ammont taxxabbli, l-awtoritajiet tat-taxxa jitolbu lin-negozjant biex jikkoreġi l-valur tal-provvisti intra-Komunitarji jew tat-trasferimenti intra-Komunitarji ta' oġġetti korrispondenti fid-dikjarazzjoni rikapitulattiva, jekk dan ikun meħtieġ.

4 Skambju awtomatiku ta' informazzjoni, bejn l-awtoritajiet tat-taxxa u doganali tal-Istat Membru tal-importazzjoni, dwar dawn l-importazzjonijiet.

5 L-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istat Membru tal-importazzjoni jinnotifikaw importazzjonijiet riskjużi, kemm jista' jkun malajr, lill-Istat Membru tad-destinazzjoni permezz tal-qasam ta' ħidma tlieta tal-Eurofisc.

6 L-awtoritajiet tat-taxxa jqabblu l-informazzjoni li jirċievu mill-awtoritajiet doganali mad-dikjarazzjoni rikapitulattiva tal-VAT ippreżentata mill-importatur (jew mir-rappreżentant fiskali tiegħu) sabiex tiġi żgurata l-kompletezza/l-eżattezza ta' din tal-aħħar. Jekk l-ammonti rrappurtati fiha jkunu inqas mill-ammont taxxabbli tal-VAT tal-importazzjonijiet, is-sistema fiskali tal-ġestjoni tar-riskju għandha tiddeċiedi jekk tkunx meħtieġa investigazzjoni ulterjuri tad-differenza b'kont meħud tal-fatturi tar-riskju li jirriżultaw fil-każ.

7 Fejn id-dikjarazzjoni rikapitulattiva ma tiġix ippreżentata jew l-informazzjoni fiha ma tkunx kompleta/eżatta, l-awtoritajiet tat-taxxa fl-Istat Membru tad-destinazzjoni jiġu infurmati bl-użu tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni amministrattiva.

8 L-awtoritajiet tat-taxxa fl-Istat Membru tad-destinazzjoni jqabblu l-informazzjoni riċevuta mill-Istati Membri l-oħra mad-dikjarazzjonijiet tal-VAT ippreżentati mill-klijent (l-akkwirent) jew l-importatur innifsu fil-każ ta' trasferimenti.

# Risposta tal-Kummissjoni



## Sommarju eżekuttiv

### IV (a)

Ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu V. (b).

Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-arranġamenti dettaljati dwar il-verifiki biex tiġi implimentata l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jaqgħu taħt ir-responsabilità tal-Istati Membri (SM). B'mod ġenerali, il-Kummissjoni ġibdet l-attenzjoni tal-Istati Membri dwar l-importanza ta' verifiki effettivi għall-ġbir tal-VAT.

### V (a)

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni tinnota li l-informazzjoni disponibbli fl-Istati Membri dwar id-daqs tal-frodi intra-Komunitarja tal-VAT hija limitata ħafna. Huma ftit ferm il-pajjiżi li jistmaw id-daqs tal-frodi intra-Komunitarja; iżda anki dawn il-pajjiżi ma jippubblikawx il-metodoloġija użata u l-istimi nfushom huma fil-parti kbira tagħhom kunfidenzjali.

Il-Kummissjoni ħadet azzjonijiet speċifiċi sabiex ittejjeb l-istimi:

- Is-servizzi tal-Kummissjoni (id-DĠ ESTAT u d-DĠ TAXUD) qed jaħdmu fuq Memorandum ta' Qbil (MoU) biex jiddefinixxu aħjar l-oqsma ta' kooperazzjoni futura bil-għan li jesploraw id-*data* u l-metodi tal-istimi tad-distakk fiskali u tal-indikaturi oħrajn għall-evażjoni u l-evitar tat-taxxa.
- Il-Grupp tal-Proġett dwar id-Diskrepanza Fiskali ġie stabbilit fl-ambitu tal-programm Fiscalis 2020 għall-kondiviżjoni tal-għarfien u biex ikun hemm skambju ta' informazzjoni dwar il-metodoloġiji tal-istimi tad-distakk fiskali. Hawnhekk, jiġu kkunsidrati wkoll l-aspetti tal-istimar tal-frodi fiskali.

### V (b)

Il-Kummissjoni ma taċċettax din ir-rakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni pprevediet leġiżlazzjoni li tiżgura li l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 143(2) tad-Direttiva 2006/11/KE tkun disponibbli fid-dikjarazzjoni fiskali[1]. Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-Istati Membri għandhom biżżejjed informazzjoni u li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom aċċess għal din id-*data* sabiex iwettqu l-kontroverifiki effettivi bejn id-*data* doganali u dik tal-VAT.

Għall-iskambju ta' informazzjoni transfruntiera, hemm oqfsa ġuridiċi ċari li huma stabbiliti kemm għall-awtoritajiet kompetenti tat-taxxa, kif ukoll għal dawk doganali. Fi ħdan in-netwerk Eurofisc, jiġi indirizzat ukoll saff addizzjonali ta' skambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet doganali u l-awtoritajiet tat-taxxa fil-kuntest tal-proċedura doganali 42.

Hija r-responsabilità tal-Istati Membri li jipprovdu għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u li jiġbru t-taxxi dovuti legalment. Għalhekk, il-Kummissjoni ma tirrikonoxxix il-ħtieġa ta' leġiżlazzjoni addizzjonali.

### V (c)

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni. Hija diġà tipparteċipa fil-laqgħat tal-oqsma ta' ħidma tal-Eurofisc u se tkompli tinkoraġġixxi lill-Istati Membri jtejjbu l-funzjonament tan-netwerk u l-effiċjenza tiegħu.

### V (d)

Il-Kummissjoni ma taċċettax ir-rakkomandazzjoni.

Ara t-tweġiba għar-Rakkomandazzjoni 7.

1 Ara r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 756/2012 tal-20 ta' Awwissu 2012 li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2454/93 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU L 223 tal-21 ta' Awwissu 2012, paġna 8).

### V (e)
Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni. Hija diġà qed tagħti ħarsa lejn dawn il-kwistjonijiet waqt ir-rapporti ta' evalwazzjoni tagħha li ġew ippreżentati f'fora differenti, fejn hija tinkoraġġixxi u tħeġġeġ lill-Istati Membri jtejjbu l-puntwalità tat-tweġibiet u l-affidabilità tad-*data* tal-VIES. Fir-rapporti li jmiss, il-Kummissjoni biħsiebha ssegwi r-rakkomandazzjonijiet tagħha u r-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw mill-gruppi tal-proġett Fiscalis.

### V (f)
Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni sakemm din tkun indirizzata lejn is-Servizzi tagħha.

Ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għar-rakkomandazzjoni 12.

## Osservazzjonijiet

### 19
Fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, ġie stabbilit il-Grupp ta' Proġett dwar id-Distakk Fiskali fl-ambitu tal-programm Fiscalis 2020 għall-kondiviżjoni tal-għarfien u biex ikun hemm skambju ta' informazzjoni dwar il-metodoloġiji tal-istimi tad-distakk fiskali. Dan il-Grupp ta' Proġett jikkunsidra wkoll l-aspetti tal-istimar tal-frodi tat-taxxa.

### 20
L-informazzjoni disponibbli fl-Istati Membri dwar id-daqs tal-frodi intra-Komunitarja tal-VAT hija limitata. Normalment, il-ftit pajjiżi li jistmaw id-daqs tal-frodi intra-Komunitarja ma jagħmluhomx disponibbli pubblikament u l-metodoloġija applikata x'aktarx tkun kunfidenzjali.

### 22
Il-metodoloġija użata fir-riċerki hija bbażata fuq approċċ minn fuq għal isfel, peress li l-Kummissjoni m'għandha ebda aċċess għal data li tista' tintuża biex tipproduċi stimi b'approċċ minn isfel għal fuq. L-iżvantaġġ tal-approċċ minn fuq għal isfel huwa li r-riżultati ma jistgħux jiġu evalwati skont is-setturi industrijali jew skont kriterji oħra (eż. frodi).

### 23
Il-Kummissjoni titlob *data* annwali dwar il-benefiċċji u r-riżultati tal-kooperazzjoni amministrattiva mal-mudell statistiku.

### 25
Kif issemma qabel, il-Kummissjoni ħadet azzjonijiet speċifiċi sabiex ittejjeb l-istimi:

- Is-servizzi tal-Kummissjoni (id-DĠ ESTAT u d-DĠ TAXUD) qed jaħdmu fuq Memorandum ta' Qbil (MoU) biex jiddefinixxu aħjar l-oqsma ta' kooperazzjoni futura bil-għan li jesploraw id-*data* u l-metodi għal stimi tad-distakk fiskali u għal indikaturi oħrajn għall-evażjoni u l-evitar tat-taxxa.
- ġie stabbilit il-Grupp tal-Proġett dwar id-Distakk Fiskali fl-ambitu tal-programm Fiscalis 2020 għall-qsim tal-għarfien u biex ikun hemm skambju ta' informazzjoni dwar il-metodoloġiji tal-istimi tad-distakk fiskali. Il-Grupp ta' Proġett jikkunsidra wkoll l-aspetti tal-istimar tal-frodi tat-taxxa.

### 30
Il-Kummissjoni temmen li jrid jinsab bilanċ bejn il-prontezza tat-tweġibiet u l-kwalità tagħhom. Madankollu, il-Kummissjoni diġà qajmet din il-kwistjoni mal-Istati Membri u stiednet lil dawk li għandhom l-ogħla rekord ta' tweġibiet tard biex itejbu s-sitwazzjoni.

### 43
Il-Kummissjoni m'għandhiex aċċess għal *data* operazzjonali li l-Istati Membri jqiegħdu disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra permezz tal-VIES u dan jillimita l-possibilitajiet tal-Kummissjoni li timmonitorja t-titjib ta' tali miżuri.

### 59
Il-Kummissjoni qed tikkunsidra l-opportunità li twettaq żjariet immirati lill-Istati Membri biex tivvaluta l-implimentazzjoni nazzjonali tal-arranġamenti amministrattivi tal-UE, fir-rigward tar-rapporti futuri.

## Tweġiba komuni tal-Kummissjoni għall-paragrafi 65 u 66

Il-Kummissjoni temmen li l-qafas ta' prestazzjoni l-ġdid tal-programm Fiscalis 2020 li tnieda f'April 2014 bil-verżjoni l-ġdida tal-programm Fiscalis 2020 għandu jiffaċilita l-monitoraġġ tal-programm u tal-attivitajiet tiegħu. Bħala tali, id-*data* miġbura tul il-ħajja tal-programm għandha tikkonstitwixxi bażi aħjar għall-valutazzjoni u l-evalwazzjoni tal-effikaċja tal-programm.

## Tweġiba komuni tal-Kummissjoni għall-paragrafi 78 u 79

Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-arranġamenti dettaljati rigward il-verifiki biex tiġi implimentata l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni rilevanti jaqgħu taħt ir-responsabilità tal-Istati Membri (SM). Dan jinkludi l-organizzazzjoni tal-kooperazzjoni bejn id-dwani nazzjonali u l-awtoritajiet tat-taxxa. Il-Kummissjoni se tiġbed l-attenzjoni tal-Istati Membri dwar l-importanza li l-informazzjoni mogħtija mid-dikjaranti fil-kaxxa 44 tad-dikjarazzjoni doganali tkun kompluta u korretta.

## 81

Il-kontrolli doganali huma bbażati fuq l-analiżi tar-riskju[2]. Il-Kummissjoni se tiġbed l-attenzjoni tal-Istati Membri dwar l-importanza tal-verifiki relatati mal-informazzjoni mogħtija mid-dikjaranti fid-dikjarazzjoni doganali.

2 L-Artikolu 13(2) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità.

## 83

Il-Kummissjoni tenfasizza li, filwaqt li s-sottovalutazzjoni tikkawża problemi serji għall-ġbir tad-dazji doganali, it-telf tal-VAT marbut ma' tali sottovalutazzjoni fiż-żmien tal-importazzjoni tal-prodotti jkun definit biss meta l-importatur ma jkollux dritt sħiħ li jnaqqas il-VAT fuq l-input. F'każijiet oħra, il-VAT hija intermedja u tiġi kkalkulata fuq il-prezz tal-bejgħ sussegwenti, jiġifieri l-valur doganali oriġinali waqt l-importazzjoni ma jibqax rilevanti għall-ammont ta' VAT dovut. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-oġġetti (eż. tessuti u żraben) jistgħu jiġu ddevjati lejn is-suq illeċitu tal-Istat Membru ta' importazzjoni.

## 85

Il-Kummissjoni ġibdet l-attenzjoni tal-Istati Membri b'mod ġenerali dwar l-importanza ta' implimentazzjoni effettiva tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni bil-għan tal-ġbir tal-VAT. Każijiet ta' nuqqas ta' konformità possibbli se jiġu segwiti b'mod adegwat.

## 90

Il-Kummissjoni temmen bis-sħiħ li sistema simplifikata għar-reġistrazzjoni u għall-ħlas tat-taxxa, bħall-punt uniku ta' kuntatt żgħir (Mini-One Stop Shop), hija essenzjali biex tiżgura tassazzjoni minn fornituri li mhumiex residenti. Tali sistema tfisser li l-verifiki tal-konformità jistgħu jiġu ffokati inizjalment fuq negozji li mhumiex irreġistrati (permezz tal-punt uniku ta' kuntatt żgħir jew irreġistrati direttament fil-pajjiż destinatarju).

Rigward it-tibdiliet tal-2015, ir-riżultati bikrija jindikaw li l-punt uniku ta' kuntatt, applikabbli mill-1/1/2015, x'aktarx jiġġenera EUR 3 biljun fl-2015; li jirrappreżentaw EUR 18 biljun f'bejgħ. Attwalment, aktar minn 11.000 negozju huma rreġistrati fil-MOSS (jista' jkun hemm 100.000 negozju iżgħar oħra koperti mid-dispożizzjoni li postijiet tas-suq bħal-ħwienet online ta' applikazzjoni/mużika/films jagħtu rendikont tal-VAT f'isem l-iżviluppatur/l-artist).

**92**
Qabel it-tibdiliet tal-2015, il-Kummissjoni għamlet kampanja ta' komunikazzjoni intensiva. Huwa stmat li l-introjtu minn terzi pajjiżi se jkun ittrippla fl-2015 meta mqabbel mas-snin preċedenti (eż. DE rrappurtat li rċeviet EUR 24.2 miljun fl-Q1 2015 biss minn fornituri mhux tal-UE). Minkejja dan, il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-isfidi tal-konformità u għalhekk waqqfet grupp tal-proġett Fiscalis (FPG38) li attwalment qed jiffininalizza rapport b'rakkomandazzjonijiet biex itejjeb il-kontroll fil-qasam tal-kummerċ elettroniku.

**95**
Il-Kummissjoni tfakkar li hija pproponiet li toħloq Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew li jista' jingħata l-inkarigu li jinvestiga u jipprosekwixxi l-frodi li jaffettwa l-baġit tal-UE. Ir-Regolament propost għal Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew qed jiġi diskuss attwalment fil-Kunsill tal-UE.

**99**
Ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 78.

**101**
Il-Kummissjoni tappoġġja l-fatt li l-Europol u l-OLAF jkollhom aċċess għad-*data* tal-VIES u tal-Eurofisc bħala għodda vitali biex tippermetti liż-żewġ organizzazzjonijiet jissodisfaw aħjar il-kompitu tagħhom li jappoġġjaw investigazzjonijiet mill-Istati Membri, u fil-każ tal-OLAF, li jwettaq investigazzjonijiet dwar il-frodi intra-Komunitarja tal-VAT.

Il-Pjan Strateġiku Pluriennali marbut mal-prijorità tal-UE rigward il-kriminalità "MTIC/Frodi tas-sisa" jidentifika speċifikament "*in-nuqqas ta' kooperazzjoni sistematika bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u l-awtoritajiet tat-taxxa fil-livell nazzjonali u f'dak tal-UE*" bħala vulnerabilità potenzjali tal-frodi tal-MTICs.

**103**
Fir-rigward tal-OLAF, il-problema tinsab fin-nuqqas ta' bażi ġuridika ċara u ta' għodod, aktar milli fin-nuqqas ta' koordinazzjoni ma' korpi oħra tal-UE.

**108**
Il-problema ġiet solvuta fil-parti kbira tagħha bil-konklużjoni ta' ftehim ta' delega bejn il-Kummissjoni u l-Europol f'Diċembru 2014, li jalloka l-ammonti neċessarji li huma meħtieġa attwalment għall-OAPs tal-2015 u l-2016 tal-inizjattiva EMPACT. Wara l-2016, il-finanzjament tal-OAPs se jkun fl-ambitu tal-kompiti statutorji tal-Europol u b'hekk fi ħdan il-baġit regolari (ladarba jiġi adottat ir-Regolament il-ġdid). L-emenda tad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Ġuridika, inkluż dan l-aspett, għadha għaddejja.

**109**
Minħabba r-rata għolja ta' assorbiment fl-2015, il-Kummissjoni qed tikkunsidra li żżid is-7 miljun euro b'2 miljun euro addizzjonali. Wara l-2016, il-finanzjament tal-OAPs se jkun fl-ambitu tal-kompiti statutorji tal-Europol u b'hekk fi ħdan il-baġit regolari (ladarba jiġi adottat ir-Regolament il-ġdid). L-emenda tad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Ġuridika, inkluż dan l-aspett, għadha għaddejja.

## Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

**112**
Il-Kummissjoni qed tiddiskuti l-ħin kollu mal-Istati Membri dwar inizjattivi ġodda possibbli biex ittejjeb l-effikaċja tal-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT. Hija tappoġġja inizjattivi meħuda mill-Istati Membri biex itejjbu l-effiċjenza tan-netwerk tal-Eurofisc. Il-Kummissjoni bħalissa qed tinnegozja ftehim man-Norveġja li jippermetti kooperazzjoni aħjar u mmirata u pajjiżi oħra b'relazzjonijiet kummerċjali importanti mal-UE jistgħu jsegwu fil-futur.

### Rakkomandazzjoni 1
Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni. Il-Kummissjoni tinnota li l-informazzjoni disponibbli fl-Istati Membri dwar id-daqs tal-frodi intra-Komunitarja tal-VAT hija limitata ħafna. Huma ftit ferm il-pajjiżi li jistmaw id-daqs tal-frodi intra-Komunitarja; iżda anki dawn il-pajjiżi ma jippubblikawx il-metodoloġija użata, u l-istimi nfushom, fil-parti l-kbira tagħhom, huma kunfidenzjali.

Madankollu, is-servizzi tal-Kummissjoni (id-DĠ ESTAT u d-DĠ TAXUD) qed jaħdmu fuq Memorandum ta' Qbil (MoU) biex jiddefinixxu aħjar l-oqsma ta' kooperazzjoni futura bil-għan li jesploraw id-*data* u l-metodi għall-istimi tad-distakk fiskali u għall-indikaturi oħrajn għall-evażjoni u l-evitar tat-taxxa.

- il-Grupp tal-Proġett dwar id-Distakk Fiskali ġie stabbilit fl-ambitu tal-programm Fiscalis 2020 għall-qsim tal-għarfien u biex ikun hemm skambju ta' informazzjoni dwar il-metodoloġiji tal-istimi tad-distakk fiskali. Hawnhekk, jiġu kkunsidrati wkoll l-aspetti tal-istima tad-distakk fiskali.

## Rakkomandazzjoni 2

Il-Kummissjoni tinnota li din ir-rakkomandazzjoni hija indirizzata lill-Istati Membri kkonċernati.

## Rakkomandazzjoni 3

Il-Kummissjoni ma taċċettax din ir-rakkomandazzjoni. Il-Kummissjoni pprevediet leġiżlazzjoni li tiżgura li l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 143(2) tad-Direttiva 2006/11/KE tkun disponibbli fid-dikjarazzjoni fiskali[3]. Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-Istati Membri għandhom biżżejjed informazzjoni u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom aċċess għal din id-*data* sabiex iwettqu l-kontroverifiki effettivi bejn id-*data* doganali u dik tal-VAT. Madankollu, sabiex ikunu effettivi, jeħtieġ li dawn il-kontroverifiki nazzjonali jiġu kkombinati ma' kontroverifiki tal-VIES.

Għall-iskambju ta' informazzjoni transfruntiera, hemm oqfsa ġuridiċi ċari li huma stabbiliti kemm għall-awtoritajiet kompetenti tat-taxxa, kif ukoll għal dawk doganali. Fi ħdan in-netwerk Eurofisc, jiġi indirizzat ukoll saff addizzjonali ta' skambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet doganali u l-awtoritajiet tat-taxxa fil-kuntest tal-proċedura doganali 42.

Hija r-responsabilità tal-Istati Membri li jipprovdu għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u li jiġbru t-taxxi dovuti legalment. B'mod ġenerali, il-Kummissjoni ġibdet l-attenzjoni tal-Istati Membri dwar l-importanza ta' verifiki effettivi dwar il-ġbir tal-VAT.

3 Ara r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 756/2012 tal-20 ta' Awwissu 2012 li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2454/93 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU L 223 tal-21 ta' Awwissu 2012, paġna 8).

Madankollu, il-Kummissjoni se tikkunsidra mill-ġdid il-kwistjoni tal-kontroverifiki bejn id-dikjarazzjonijiet doganali u d-dikjarazzjonijiet rikapitulattivi fid-dawl tar-rakkomandazzjonijiet li jridu jsiru mill-Grupp tal-Proġett Fiscalis 2020.

## Rakkomandazzjoni 4 (a)

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

Fir-rapport tagħha, il-Kummissjoni kkonkludiet li fi ħdan il-Eurofisc, l-analiżi komuni tar-riskju u l-mekkaniżmu ta' rispons effettiv se jkunu reazzjoni xierqa għall-ħtieġa ta' aktar informazzjoni immirata disponibbli, u sabiex isir aktar użu mill-informazzjoni li hija diġà disponibbli fin-netwerk. Dan jippermetti li n-netwerk ikompli jtejjeb ir-rwol tal-amministrazzjonijiet fiskali li jirreaġixxu mill-ewwel kontra l-frodi tal-VAT transfruntieri;

## Rakkomandazzjoni 4 (b)

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

## Rakkomandazzjoni 4 (c)

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

## Rakkomandazzjoni 4 (d)

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

## Rakkomandazzjoni 4 (e)

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

## Rakkomandazzjoni 5

Il-Kummissjoni tinnota li din ir-rakkomandazzjoni hija indirizzata lill-Kunsill.

## Rakkomandazzjoni 6

Il-Kummissjoni ma taċċettax ir-rakkomandazzjoni.

Kif stipulat fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2016, il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-VAT li se jiġi adottat fl-2015 se jkollu l-għan li jipprovdi sistema tal-VAT effiċjenti u reżistenti għall-frodi.

Dan se jinkludi rieżami tal-obbligi ta' rapportar, pereżempju għall-kummerċ fl-UE.

Qabel l-eżitu ta’ dan l-eżerċizzju, il-Kummissjoni ma tipprevedix li tipproponi emenda għad-Direttiva tal-VAT f’dan ir-rigward.

## Rakkomandazzjoni 7

Il-Kummissjoni ma taċċettax ir-rakkomandazzjoni.

L-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta’ *reverse charge* bħala miżura kontra l-frodi hija fakultattiva peress li hija diretta primarjament lejn problemi speċifiċi ta’ frodi fuq livell nazzjonali.

Madankollu, il-Kummissjoni hija konxja tal-fatt li l-applikazzjoni settorjali toħloq problemi u biħsiebha tiddiskuti l-kwistjoni tar-*reverse charge* fil-kuntest tal-pjan ta’ azzjoni tal-VAT li se jiġi adottat fl-2016.

## Rakkomandazzjoni 8

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni. Il-Kummissjoni qed tikkunsidra l-opportunità li twettaq żjarat immirati lejn l-Istati Membri biex tivvaluta l-implimentazzjoni nazzjonali tal-arranġamenti amministrattivi tal-UE, fir-rigward tar-rapporti futuri.

## Rakkomandazzjoni 9

Il-Kummissjoni tinnota li din ir-rakkomandazzjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

## Rakkomandazzjoni 10

Il-Kummissjoni tinnota li din ir-rakkomandazzjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

## Rakkomandazzjoni 11

Il-Kummissjoni tinnota li din il-parti tar-rakkomandazzjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

## Rakkomandazzjoni 11 (b)

Il-Kummissjoni temmen li tali skambju ta’ informazzjoni jista’ jinkiseb u jiġi ggarantit aħjar permezz ta’ approċċ tal-UE u permezz tal-konklużjoni ta’ ftehimiet bilaterali bejn l-UE u pajjiżi terzi, kif qed ikun esperjenzat fin-Norveġja.

## Rakkomandazzjoni 12

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni sakemm din tkun indirizzata lejn is-Servizzi tagħha. Fl-istess ħin, hija tinnota li r-rakkomandazzjoni hija indirizzata wkoll lejn l-Istati Membri u timplika r-responsabilità reċiproka tal-Awtorità leġiżlattiva.

Il-Kummissjoni hija impenjata li tkompli bl-isforzi tagħha biex tneħħi l-ostakli ġuridiċi li fadal li jipprevjenu l-iskambju ta’ informazzjoni bejn l-awtoritajiet fil-livell nazzjonali tal-UE.

## 121

Ara r-risposta tal-Kummissjoni għall-paragrafu 109.

## Rakkomandazzjoni 13

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni u diġà qed timplimentaha. Ġie ffirmat ftehim ta’ delega bejn il-Kummissjoni u l-Europol fi tmiem l-2014 li jalloka l-ammonti neċessarji li huma meħtieġa fil-preżent għall-OAPs tal-2015 u l-2016 tal-inizjattiva EMPACT. Wara l-2016, il-finanzjament tal-OAPs se jkun fl-ambitu tal-kompiti statutorji tal-Europol u b’hekk fi ħdan il-baġit regolari (ladarba jiġi adottat ir-Regolament il-ġdid). L-emenda tad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Ġuridika, inkluż dan l-aspett, għadha għaddejja.

## Rakkomandazzjoni 14

Il-Kummissjoni tinnota li din ir-rakkomandazzjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

## KIF GĦANDEK TAGĦMEL BIEX TIKSEB IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE

**Pubblikazzjonijiet bla ħlas:**

- kopja waħda:
  permezz tal-EU Bookshop (http://bookshop.europa.eu);
- iżjed minn kopja waħda jew posters/mapep:
  mir-rappreżentanzi tal-Unjoni Ewropea (http://ec.europa.eu/represent_mt.htm),
  mid-delegazzjonijiet f'pajjiżi li mhumiex fl-UE (http://eeas.europa.eu/delegations/index_mt.htm),
  billi tikkuntatja s-servizz Europe Direct (http://europa.eu/europedirect/index_mt.htm)
  jew ċempel 00 800 6 7 8 9 10 11 (numru tat-telefown bla ħlas minn kullimkien fl-UE) (*).

(*) L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

**Pubblikazzjonijiet bi ħlas:**

- permezz tal-EU Bookshop (http://bookshop.europa.eu).

Kull sena, l-Unjoni Ewropea titlef biljuni mid-dħul tagħha mill-VAT permezz tal-attivitajiet tal-kriminalità organizzata. Minħabba li l-esportazzjonijiet ta' oġġetti u servizzi minn Stat Membru wieħed tal-UE għal ieħor huma eżentati mill-VAT, kriminali jistgħu jevadu t-taxxa b'mod frodulenti fl-Istat Membru tad-destinazzjoni. Ir-riżultat huwa dħul mitluf għall-pajjiżi kkonċernati kif ukoll għall-UE. Dan ir-rapport jeżamina kemm l-UE qed tindirizza l-frodi intra-Komunitarja tal-VAT b'mod tajjeb. Aħna sibna dgħufijiet li jindikaw li s-sistema attwali mhijiex effettiva biżżejjed. Jeħtieġ li dawn id-dgħufijiet jiġu indirizzati. Dan huwa żmien li fih iridu jittieħdu pożizzjonijiet iebsa u tittieħed azzjoni aktar deċiżiva.

CURIA RATIONUM
IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet